**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia B.A; LL.M (Kent); LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Assistant Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs.**

**Pierre Mercieca**

**Josef Dimech**

Illum 16 ta' Gunju 2020

Kump No: 1214/2014

Il Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Pierre Mercieca u Josef Dimech akkuzati talli:

Lil **PIERRE MERCIECA** ta' 55 sena, bin il-mejjet Francis u Vincenza nee' Zammit Farrugia, imwieled Sliema fl-4 ta' Lulju 1959, u li joqghod f' Numru 20, Triq il-Piazzetta, Attard. Detentur tal-Karta ta'l-Identita' bin-

numru 433259M;

u

**JOSEF DIMECH** ta' 35 sena, bin Joseph u Salvina nee' Cini, imwieled San Giljan fid-19 ta' Gunju 1979, u li joqghod f' Cavendish Blue Harbour, Flat 12 AB, ix-Xatt ta' Xbiex, Ta' Xbiex. Detentur tal-Karta ta'l-Identita'

bin-numru 326179M;

**Akkuzat, Pierre MERCIECA wahdu,** talli fit-30 ta' Mejju 2014 u fil-granet ta' qabel talab, jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa hekk kif ikkontemplata fis-Subartikolu 1 ta' l-Artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Akkuzat, Josef DIMECH wahdu,** talli fit-30 ta' Mejju 2014 u fil-granet ta' qabel irrenda ruhu komplici ma' Pierre Mercieca fl-atti illi bihom l-istess Mercieca talab, jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa hekk kif ikkontemplata fis-Subartikolu 1 ta' l-Artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi matul is-seduta tat-30 ta' Jannar 2015 l-Ufficjal Prosekutur ikkonferma l-imputazzjonijiet bil-gurament[1];

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Semghet lix-xhieda u rat id-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Wara li rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 mis-Sinjurija Tieghu l-Onorabbli Imhallef Emeritus Joseph Azzopardi[2].

Wara li fl-udjenzja tas-7 ta' Ottubru 2019 rat li l-partijiet ivverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti milli terga' tisma' lix-xhieda prodotti li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif kienet qabel ippreseduta[3];

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar it-22 ta'Awissu 2016 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jinsabu hatja u cioe[4]:

Fil-konfront ta' Pierre Mercieca wahdu:

(a) Fl-artikoli 121A(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Fl-artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Josef Dimech wahdu:

(c) Fl-artikoli 42 u 121A(1)(2)(3) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

(d) Fl-artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Folio 9 ta' l-atti processwali
[2] Folio 628-630 ta' l-atti processwali
[3] Folio 642 ta' l-atti processwali
[4] Folio 510 ta' l-atti processwali

Wara li rat li waqt is-seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2017 inqraw l-artikoli ghal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali, u wara li waqt l-istess seduta l-imputati iddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi ttrattat bi procedura sommarja, il-Qorti kkonvertiet ruhha ghal dik ta' Gudikatura Kriminali.[5]

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet kif ukoll hadet konjizzjoni tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u r-rapporti tal-Ufficjali tal-Probation[6].

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati principalment bl-imputazzjoni dwar dak li bl-Ingliz jissejjah *trading in influence.* George Borg, direttur tal-kumpannija G&P Borg kien irraporta mal-pulizija dwar incident li kien sehh fir-rigward ta' parti mit-tender ghall-kostruzzjoni ta' fazi specifika mill-progett ta' Pender Gardens. Is-Sur Borg, flimkien ma zewg *subcontractors* ohra kien tefa' l-offerta tieghu ghall-progett ta' Pender Gardens. Gurnata minnhom, meta *t-tender* kienet kwazi waslet ghad-decizjon finali, George Borg kien ircieva telefonata minghand l-imputat Josef Dimech fejn kien talbu biex jitlaqa' mieghu b'mod urgenti. L-imputat Josef Dimech, kien dak iz-zmien jifforma parti minn konsorzju iehor li kien qed jikkompeti ghall-istess progett.

L-imputat Dimech informa lis-Sur Borg li kien jidher li hu kien il-favorit biex jirbah it-tender, izda tal-Pender Gardens ma tantx kellhom pjacir

[5] Folio 560 ta' l-atti processwali

[6] Rapport tal-Ufficjal tal-Probation Rona Agius Custo, Dok RAC1 folio 635-644 u Rapport tal-Ufficjal tal-Probation Svetlana Bezzina Dok SB1 folio 645-660 ta' l-atti processwali.

biz-zewg *subcontractors* li kienu qed jifformaw parti mill-konsorzju tieghu.

Skond Borg, Dimech stiednu sabiex johrog mill-ftehim li kellu maz-zewg *subcontractors* tieghu u jinghaqad ma' l-imputat u s-*subcontractor* l-iehor. Jekk is-sur Borg jaghmel hekk, l-imputat kien qed jiggarantixxi li l-progett jinghata lilhom u jkunu r-rebbieha tat-*tender*.

Is-sur Borg talab zmien biex jahsibha u ftit tal-hin wara rcieva telefonata fuq il-*mobile* tieghu minn persuna li ma kienx jaf min hu u talbu biex jiltaqghu. Meta s-Sur Borg iltaqa' ma' din il-persuna, infurmah b'certu dettalji dwar it-tenders tal-konsorzji kollha u dderigieh biex izid l-offerta tieghu, jghaddi somma ta' flus lis-*subcontractors* tieghu u jahdem b'*subcontractors* ohra, li kumpannija minnhom kienet ta' l-imputat Dimech.

Meta s-sur Borg staqsa lil din il-persuna min kien, infurmah li kien wiehed assocjat ma' tal-Pender bhala Direttur, u dan minkejja li Borg ma kienx jafu u qatt ma kien iltaqa' mieghu. Mill-indagni u investigazzjoni li ghamlet il-pulizija irrizulta li t-tieni persuna li kien cempel lil Borg u mar jiltaqa' mieghu kien l-imputat l-iehor Pierre Merceica.

Sussegwentement, wara li l-pulizija lestew l-investigazzjoni taghhom wasslu ghall-arrest taz-zewg imputati u l-proceduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

**L-Ispettur Ian Abdilla**[7], stazzjonat fit-taqsima ta' kontra r-reati ekonomici, xehed waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar 2015. Huwa kkonferma illi fit-30 ta' Mejju 2014, George Borg bin-numru tal-karta ta' l-identita' 717544M mill-Iklin fil-kapacita' tieghu ta' direttur tal-kumpanija G&P Borg ghamel kuntatt mal-Pulizija sabiex jaghmel rapport dwar xi haga in konnessjoni mat-*tender* ta' Pender Gardens. Hu qal li ghal dan it-*tender* partikolari hu kien qieghed jikkompeti flimkien ma' zewg sub-appaltaturi tieghu li kienu Megaline Limited u Cuschieri Aluminium Limited. Is-Sur Borg kien spjega illi fil-gurnata ta' qabel, cioe' fit-29 ta' Lulju 2014 ghall-habta tat-8 ta' filghodu hu kien ircieva telefonata minghand Josef Dimech, direttur ta' JS Dimech Limited, kumpanija li tipproduci l-aluminju, fejn kien talab li jiltaqa' mieghu b'mod urgenti. F'dak it-tender partikolari ta' Pender Gardens kien hemm tlett kontendenti u cioe' G&P Borg li kien qed jittenderja flimkien mas-subcontractors tieghu, konsorzju li kien jismu JAM li kien maghmul minn Attard Brothers, JS Dimech u Mekanika Limited u kien hemm konsorzju iehor immexxi mill-Elbros. Borg irraporta li fid-29 ta' Mejju 2014 ircieva telefonata minghand Josef Dimech fejn Dimech qallu li xtaq ikellmu urgentement u qallu "*ejja d-dar tieghi*" u dan il-meeting kien sar xi nofs siegha wara fit-8:30am fil-proprjeta' tas-Sur Borg. Matul din il-laqgha, Dimech allegatament qal lil Borg li huwa kien jidher li huwa l-favorit f'dak li ghandu x'jaqsam mal-bini mentri Attard Brothers kien qieghed gholi u tah x'jifhem li s-*subcontractors* li kien ghazel ma kienux benvisti ma' Pender Gardens filwaqt li JS Dimech u Mekanika kienu mizmuma fi stima tajba. Dan l-inkontru gie migbud minn CCTV *cameras* li l-istess Borg ghandu fil-proprjeta' tieghu. Fl-istess gurnata, ghall-habta

[7] Folio 13-26 ta' l-atti processwali

tas-siegha ta' wara nofs in-nhar l-istess Borg allegatament ircieva telefonata fuq il-*mobile* tieghu permezz ta' telefonata indikata bhala privata minn persuna li ma kienx jafu u li stiednu biex jiltaqghu gewwa kafetterija San Giljan sabiex jitkellmu fuq it-tender. Borg stqarr mal-Pulizija li kien gie fuqu ragel ta' madwar sittin sena, liebes pulit b'xaghru abjad u f'dan l-inkontru dan il-persuna qallu li hu qieghed l-ewwel fit-*tender* izda hemm bzonn li jzid il-prezz b'€400,000 u minnhom ihallas €60,000 lis-subcontractors li kellu sabiex jehles minnhom bil-pulit u minflok jintroduci lil JS Dimech fuq aluminju u lil Mekanika fuq elettriku. Dan il-persuna qal li huwa kien wiehed mid-diretturi ta' Pender Gardens ghalkemm Borg ma setghax jaghrfu mill-laqghat li diga kien attenda ghalihom u minn ritratt li kien gie ppublikat ftit qabel f'gurnal lokali. Borg qal li wara li gara dan l-inkontru, huwa prova jikkuntattja lil Peter Diacono u lil Edmund Gatt Baldacchino.

Ix-xhud spjega illi hekk kif beda jigi investigat ir-rapport, huwa kkuntattja lil Vodafone u lil GO u talabhom rendikont tat-telefonati kemm fuq in-numru taI-mobile ta' George Borg li n-numru tieghu kien 99497622 kif ukoll dak ta' Josef Dimech 99447598. Minn dan irrizulta li l-persuna li kien cempel lil Borg kien uza n-numru 99990440, liema numru ma kienx registrat. Dakinhar stess, ix-xhud fittex fl-inhawi tal-inkontru ghal xi CCTV cameras izda t-tfittxija rrizultat fin-negattiv. Sar kuntatt ukoll ma Peter Diacono, Chief Executive Officer ta' Pender Gardens, li min-naha tieghu deher mistghageb kif il-prezzijiet tal-offerti relattivi kienu qed jiccirkolaw fuq barra waqt li t-tender attwalment ma kienx ghadu ufficjalment maghluq. Diacono gie mitlub ghadd ta' informazzjoni fuq il-progett, inkluz minuti u attendenzi ta' laqghat dwar

il-process tat-tendering. Intant, fl-10 ta' Gunju 2014, l-imputat Josef Dimech kien gie arrestat in konnessjoni mal-kaz u mitkellem mill-Pulizija. Huwa stqarr mal-Pulizija illi hekk kif sar jaf illi Attard Brothers, ma' min kien qieghed fil-konsorzju, kien persistenti fil-prezzijiet tieghu li kienu l-ghola mit-tlett kontendenti, huwa thasseb u kellem ukoll lill-Mekanika u eventwalment kellem lil George Borg fil-ghan li jidhlu mieghu minflok is-subcontrators li kellu. Mill-banda l-ohra, Dimech insista li huwa ma kien qabbad lil hadd sabiex imur ikellem lil Borg u filfatt kien mar ikellmu hu personalment.

l-Imputat l-iehor Pierre Mercieca gie identifikat permezz ta' tfittxija fuq in-numru in kwistjoni ma' informazzjoni fuq is-sistemi tal-Pulizija. Dan in-numru iffigura f'investigazzjoni li saret cirka fis-sena 2006 dwar sistema tal-IT ghall-Isptar Mater Dei. George Borg seta jaghraf ritratt ta' dan il-Persuna li allura gie identifikat bhala Pierre Mercieca. Eventwalment, investigazzjonijiet ulterjuri kkonfermaw illi kienu saru ghadd ta' telefonati bejn in-numru ta' Pierre Mercieca u Josef Dimech. Fis-16 ta' Gunju 2014, Pierre Mercieca gie arrestat u mitkellem fejn wara li ghall-bidu beda jinnega l-involviment tieghu, qal li lil Josef Dimech jafu ghax kien ghamillu xi xoghol tal-aluminju fuq appartament tieghu. Mercieca spjega l-kuntatti tieghu ma' George Borg bil-fatt li huwa kien offra li jassisti f'li jgiblu haddiema tal-id mill-Latvja fejn huwa ghandu certu kuntatti. Eventwalment Mercieca spjega li kien kellem lil Borg fuq it-tender u dan wara li kien sema' lil Josef Dimech jghid li kien inkwetat hafna fuq it-tender ta' Pender Gardens waqt li dan tal-ahhar kien f'konversazzjoni ma' persuna ohra waqt li Dimech kien fid-dar ta' Mercieca. Madankollu, Mercieca sostna illi huwa involva ruhu biss biex

jghin lil Dimech u minghajr ebda hsieb li jigi kkumpensat. Qal li kien facli li wiehed jasal ghall-prezzijiet minn dak li beda jghid Dimech. Eventwalment, Josef Dimech rega' gie nterrogat a bazi ta' dak li kien qal Mercieca fl-istqarrija tieghu fejn Dimech cahad illi huwa kien f'xi forma ta' ftehim ma' Mercieca u nsista li l-hafna telefonati bejn in-numri rispettivi taghhom kienu minhabba x-xoghol li Dimech kien qed jahdem lil Mercieca fil-post tieghu.

L-Ispettur Ian Abdilla, li fil-mori tal-kawza gie elevat għall-kariga ta' Assistent Kummissarju, xehed in kontro-eżami waqt is-seduta tad-19 ta' Lulju 2017[8]. Ix-xhud għall-bidu ma setax jiftakar jekk huwa kienx tela' x-Xatt t'Għawdex meta ġie arrestat l-imputat Pierre Mercieca jew jekk Mercieca ġie arrestat mill-Pulizija t'Għawdex u imbagħad niżżluh skortat saċ-Ċirkewwa fejn imbagħad ġie mgħoddi f'idejn il-Pulizija ta' Malta. Eventwalment ix-xhud ftakar illi kien tela' Għawdex huwa stess u kien ankè akkumpanja lil Mercieca għal appuntament ma' Dr Grech fi klinika fir-Rabat. Ix-xhud kien ċert li dakinhar kien inħareġ ċertifikat mediku fis-sens li Mercieca kien tajjeb sabiex jiġi nterrogat iżda madankollu ma setghax jiftakar liema tabib irrilaxxja dan iċ-ċertifikat. Ix-xhud seta' jikkonferma illi Mercieca kien qed jieħu medikazzjoni għal kundizzjonijiet psikoloġiċi li huwa afflitt minnhom u fil-fatt, meta kien ġie arrestat, kien ġarr għadd ta' mediċini miegħu. Skont ix-xhud, meta persuna jkun fil-lock up tal-Pulizija, jiġi amministrat mediċini biss jekk dawn ikunu sostanzjati minn riċetta jew ċertifikat mediku u mhux sempliċiment fuq il-bażi li d-detenut jitlob tali mediċina. Ikun hemm rendikont miktub tal-mediċini li jiġu amministrati lid-detenuti. Mistoqsi

[8] Folio 572-580 ta' l-atti processwali.

jekk fl-istess ġurnata Mercieca ġiex imtella' u mniżżel darbtjen għall-interrogazzjoni huwa wieġeb fl-affermattiv. Kompli jiċċara li kien wara dawn id-darbtejn illi huwa talab minn rajh illi jagħti stqarrija għall-ħabta tas-18:30 jew 19:00hrs. Wara t-tieni stqarrija, Mercieca kien ġie infurmat illi dak il-lejl kien ser jgħaddih fil-*lock up*. Ix-xhud ikkonferma ukoll li l-attentat ta' suwiċidju minn Mercieca sar wara li kien irrilaxxja t-tielet stqarrija. L-attentat ta' suwiċidju sar mal-ewwel tant li kien biss wara ċirka għaxar minuti li x-xhud kien telaq mill-*lock up* u mar għall-karozza tiegħu. L-unika raġuni għalfejn Mercieca salva hija li ċ-ċella fejn kien kienet viċin tal-*guard room* u b'hekk semgħuh iħarħar u laħqu salvawh. Immedjatament wara l-attentat ta' suwiċidju, Mercieca ttieħed l-ewwel il-poliklinika tal-Furjana u wara lejn l-Isptar Monte Carmeli fejn dam rikoverat xi ġimgħa jew ħmistax. Ix-xhud ikkonferma li diġa kellu ħjiel dwar il-kondizzjonijiet li kien ibati minnhom Mercieca minħabba li kellu każ ieħor miegħu qabel dan. Fil-fatt kienet ghal din ir-raġuni li x-xhud qabad u mar miegħu ghall-appuntament għand Dr Grech f'Għawdex.

Fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017[9] ix-xhud ipprezenta kopja tar-*records* f'dan ir-rigward[10].

**Marisa Gauci[11],** li sservi bhala *data request administrator* fil-kumpannija Vodafone xehdet waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2015 fejn, wara li giet ezentata mis-sigriet professjonali esebit dokument li kien jikkontjeni *call profiles* ta' l-imputat Pierre Mercieca[12].

[9] Folio 582-583 ta' l-atti processwali
[10] Folio 589-592 ta' l-atti processwali
[11] Folio 155-157 ta' l-atti processwali
[12] Dok MG1, folio 158-176 ta' l-atti processwali

**WPS 103 Marcelle Mifsud**[13], stazzjonata fl-*Economic Crimes Unit*, xehdet waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2015. Ix-xhud ikkonfermat illi fis-16 ta' Gunju 2014 hija kienet prezenti l-*audio video conferene* li ttiehdet lill-imputat Pierre Mercieca ftit wara li dan gie arrestat. Ix-xhud kienet involuta ukoll fl-investigazzjoni fir-rigward ta' Josef Dimech kif ukoll accediet fl-ufficcju ta' Pender Gardens flimkien ma PC 896 Robert Zammit sab gew elevati ghadd ta' dokumenti. Ix-xhud ikkonfermat illi z-zewg imputati irrifjutaw l-assistenza legali qabel ghamlu l-istqarrija taghhom u anke' ffirmaw dikjarazzjoni f'dan is-sens.

**George Borg**[14], direttur tas-socjeta' G&P Borg Limited xehed waqt is-seduta tat-12 ta' Frar 2015 fejn huwa kkonferma illi huwa gieli kien involut f'process ta' offerti ma' Pender Gardens. Partikolarment, huwa kien issottometta offerta sabiex jahdem fuq it-torrijiet T1 u T2, liema xoghol kellu jkun mill-bidu sal-ahhar tal-kostruzzjoni u cioe' fuq bazi ta' *design and build*. Ghal dan ix-xoghol, kellu jkun hemm l-assistenza ta' sub-appaltaturi, li fil-kaz ta' G&P Borg kienu Megaline, Camray u Cuschieri Aluminium. F'April 2014, id-ditta tax-xhud giet avvicinata flimkien ma tlett kuntratturi ohra Maltin sabiex tissottometti offerta in rigward tal-progett. Fost il-kuntratturi l-ohrajn kien hemm Attard Brothers u Elbros. Fid-29 ta' Mejju 2014 ghall-habta tas-7:30am, ix-xhud spjega illi huwa ircieva telefonata minghand l-imputat Josef Dimech, li mieghu gieli kien ikkollabora fuq progetti ohrajn. Dimech qallu li kellu bzonn ikellmu u ghal dan il-ghan, ix-xhud stiednu jghaddi sa hdejn id-dar tieghu gewwa l-Iklin sabiex jitkellmu. Is-suggett tad-diskursata kien illi skont Dimech, G&P Borg kienu l-favoriti sabiex jinghataw it-tender

[13] Folio 177-181 ta' l-atti processwali
[14] Folio 182-240 ta' l-atti processwali

filwaqt li Elbros kienu t-tieni u Attard Brothers l-ahhar. Dimech kien qieghed bi shab ma Attard Brothers. Mill-banda l-ohra, G&P Borg kien issottometta l-offerta wahdu u kien ser jingaggja sub-appaltaturi. Skont ix-xhud, Dimech qallu li sabiex jirbah it-tender, kellu bzonn lilu, u cioe' id-ditta JS Dimech Limited kif ukoll lill-Mekanika Limited mieghu. Ix-xhud qallu li mhux facli li jehles mill-kollaboraturi tieghu li kienu ghamlu xoghol, hin u spejjez sabiex saret is-sottomissjoni tal-offerta. Ix-xhud spjega illi huwa kien perpless b'dan id-diskors ta' Dimech u skont hu, kieku ta' Pender Gardens ma kienux kuntenti bis-sub-appaltaturi tieghu, kienu jghidulu mal-ewwel li ma jriduhomx u mhux wara li saret is-sottomissjoni tal-offerta. Ix-xhud kompla jinkwieta meta Dimech beda jsemmi l-prezzijiet li kienu ssottomettew il-kuntratturi kollha, inkluz hu, u li filfatt kienu korretti. Ix-xhud kien cert li hadd ma kien jaf il-prezz tieghu apparti d-diretturi ta' Pender Gardens u allura bilfors li kien hemm xi haga stramba minn gewwa. Il-konversazzjoni ma' Dimech intemmet b'li x-xhud kellu jkellmu lura fil-11:00am sabiex jiftehmu x'ser isir. Jidher li meta ghamel rapport tieghu dwar din l-affari, ix-xhud ipprezenta filmat migbud minn CCTV camera illu huwa ghandu biswit ir-residenza tieghu. Fl-istess jum ghall-habta ta' 12:00pm, ix-xhud ircieva telefonata minghand numru privat. Min cempel identifika ruhu bhala wiehed mid-diretturi tal-Pender Gardens li jismu "George" u talbu sabiex jiltaqghu jiehdu kafe' ghall-kwiet. Ftehmu li jiltaqghu tas-Sliema fis-2:00pm. Ir-ragel li tfacca ghal din il-laqgha kien tabilhaqq l-imputat Pierre Mercieca li x-xhud seta' jaghraf fl-awla. Waqt din il-laqgha Mercieca qal lix-xhud li jrid jgholli l-offerta tieghu b'madwar €400,000 u minnhom jaqbad madwar €60,000 u jaghtihom lis-sub-appaltaturi originali sabiex "jaghlqilhom halqhom" u imbaghad iqabbad lil JS

Dimech u lil Mekanika. Ix-xhud qal li gewh suspetti minhabba li ma setax jaghraf lil Mercieca bhala wiehed mid-diretturi ta' Pender Gardens li kumbinazzjoni ritratt taghhom kien gie ppublikat fil-gazzetta l-Hadd ta' qabel. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ma kkommettiex ruhu ma' dan il-persuna u qallu *"issa naraw"*. Ic-cifri li semma Mercieca waqt il-laqgha kienu l-istess li kien semma Dimech aktar kmieni dakinhar. Wara dan ix-xhud prova jaghmel kuntatt mad-diretturi proprja ta' Pender Gardens Peter Diacono u Gatt Baldacchino "tal-Opel". Gara li hadd minnhom ma kien disponibbli sabiex jiltaqa' max-xhud li minn naha tieghu mar ghamel rapport mal-Pulizija l-ghada filghodu. Ix-xhud spjega li qabel inqala' dan kollu, il-trattattivi ma' Pender Gardens kienu waslu fi stat matur u kull ma kien qed jistenna hija l-konferma ahharija sabiex jibda' x-xoghol. Ix-xhud stqarr illi l-uniku problemi li gieli kellu kienu b'Cuschieri Aluminium izda lanqas fuq dan ma kienet tqajjmet oggezzjoni formali. Skont ix-xhud, Pender Gardens ma haditx il-preokkupazzjonijiet tieghu bis-serjeta' u sa meta xehed, ma jafx ezatt kif spicca l-process tal-offerti. In kontro-ezami, ix-xhud baqa jafferma illi qatt ma espressi rizervi jew oggezzjonijiet minn naha ta' Pender Gardens dwar il-kapacita' ta' G&P Borg jew is-sub-appaltaturi maghzuli minnha. Ikkonferma ukoll li kien bi hsiebu jiehu azzjoni legali kontra Pender Gardens sabiex jigi rizarcit l-ispejjez li ghamel in konnessjoni mal-process tal-offerti relattiv.

George Borg rega xehed in kontro-ezami waqt is-seduta tat-28 ta' Novembru 2019[15]. Ix-xhud gie mistoqsi jekk l-imputat Pierre Mercieca qattx kien sammielu li ser igiblu xi haddiema mill-Latvja, ghal liema

[15] Folio 608-609 ta' l-atti processwali

mistoqsija huwa rrisponda fin-negattiv. Lanqas ma kien jaf jekk tellax xi bini fi Triq Depiro, Tas-Sliema vicin tal-ufficcju ta' Mercieca, tant li afferma li huwa ma kienx jaf lil Pierre Mercieca qabel.

Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015 xehed ukoll **Peter Diacono**[16], li jokkupa l-kariga ta' Chief Executive Officer ta' Pender Gardens. Ix-xhud spjega illi l-kostruzzjoni tal-progett Pender Gardens kien wiehed li kien qed isir bil-fazijiet u dan wara li jinhargu bonds ghall-publiku sabiex jinkiseb il-kapital necessarju. Kienet waslet biex tinbeda l-fazi ta' T1, T2 u cioe' zewg torrijiet. Din il-fazi kienet tinkludi maghha ukoll il-bini tal-parkegg. Kienet ittiehdet id-decizjoni li tinhareg sejha ghall-offerti fuq bazi ta' *design and build* li jinkludi x-xoghol kollu necessarju mill-bidu sal-ahhar. Kienu gew ikkuntattjati madwar hames jew sitt kuntratturi fosthom JS Dimech, Attard Brothers, Elbros, G&P Borg kif ukoll kumpannija Taljana jisimha Cometal. Is-sottomissjoni kellha tkun f'zewg fazijiet. Fl-ewwel fazi kellu jkun hemm id-dikjarazzjoni ta' kif ser isir ix-xoghol, inklux liema sub-appaltaturi ser jigu nkarigati filwaqt li fit tieni fazi, kellu jigi sottomess il-prezz ahhari. Kien hemm kumitat li r-rwol kien il-koordinazzjoni u l-aggudikazzjoni tal-process tal-offerti li kien kompost mix-xhud bhala CEO, ic-Chairman tal-kumpanija Edmund Gatt Baldacchino, Edward Licari kif ukoll il-Project Manager Mark Borg. Gieli kien ikun hemm bzonn l-ghajnuna ta' persuni teknici bhall-periti u inginiera.Is-sejha ghall-finanzjament publiku kellha tohrog f'Mejju 2014 u kien preferut li l-elementi kollha tal-progett ikunu koperti b'kuntratt wiehed minhabba l-kwistjoni tal-finanzjament. It-tieni fazi tal-process,

[16] Folio 241-292 ta' l-atti processwali

fejn kellhom jidhlu l-prezzijiet, inghalqet fit-28 ta' Frar 2014. Gara imbaghad li fil-21 ta' April 2014 il-process tal-offerti twessa' biex jinkludi ukoll l-izvilupp tal-blokka 17. Din il-bidla ovvjament giebet bidla fil-prezzijiet kwotati. Fl-ahhar tal-process kien hemm tlett offerti b'kollox li kienu tal-ESTJV (Elbros, Servgroup u Titan) bil-prezz ta' €21,980,000; JAM (Attard Brothers, JS Dimech u Mekkanika) bil-prezz ta' €22,622,000 u G&P Borg bil-prezz ta' €19,400,000. Ix-xhud afferma li fl-ebda parti tal-process ma jigu mxandra l-prezzijiet rispettivi bejn il-kontendenti. L-unici persuni li kienu jafu l-prezzijiet kienu ix-xhud, Edmund Gatt Baldachino, Mark Borg kif ukoll Ernest Debono li kien il-Cost Manager. Kwalunkwe laqghat li kienu jsiru kienu jsiru fuq bazi individwali u b'kunfidenzjalita' assoluta. Il-kontendenti gieli kienu jigu mistoqsija dwar kif ikunu hadmu l-prezz taghhom, specjalment jekk ikun jidher li huwa wisq baxx u dan sabiex jigi assigurata l-kwalita' tax-xoghol kif ukoll li dak li jkun ikun fehem ezatt dak rikjest. In rigward tal-offerta ta' G&P Borg, ix-xhud irrimarka li din kienet l-unika wahda li giet ipprezentata minn kuntrattur wiehed wahdu u mhux bhala *joint venture*. Borg kellu juza sub-appaltaturi. Bhala stat ta' fatt, il-kunpannija ma kienitx kuntenta b'wiehed mis-sub-appaltaturi li huwa kien qed jigi propost. G&P Borg kienet giet infirmata illi l-arrangament propost minnha, inkluz l-ghazla tas-sub-appaltaturi ma kienitx ser tghinhom imma qatt ma giet mitluba direttament sabiex tissostitwihom. Meta l-process beda jimmatura, kien car li l-kontendent preferut kien JAM izda l-prezz tieghu kien pjuttost gholi. It-tieni preferenza kienet fuq il-grupp tal-Elbros. Il-preferenza fuq JAM kienet primarjament minhabba l-fatt li huma kienu diga ghamlu xoghlijiet fuq l-ewwel fazi tal-progett qabel u allura wiehed kien jaf xi jsarrfu. Finalment il-kuntratt inghata lil JAM

versu l-prezz ta' 19 miljun wara l-prezz finali gie rivedut u skontat. Filwaqt li x-xhud gharaf lill-imputat Josef Dimech prezenti fl-awla, huwa ma setax jaghraf lill-imputat l-iehor Pierre Mercieca u nnega kategorikament li dan kien direttur ta' Pender Gardens. Dimech kien ukoll hadem fuq fazijiet precedenti tal-progett. In kontro-ezami ix-xhud ikkonferma li t-*timeframes* illi kellha l-kumpannija ghall-progett gew frustrati minhabba li procerduri odjerni. Ix-xhud spjega li fil-process tal-offerti, li kien wiehed purament privat, ghalkemm il-prezz kien importanti hafna, kien hemm ukoll hafna attenzjoni fuq il-kwistjoni tal-kwalita' u li l-kuntrattur maghzul jilhaq l-obbligi assunti. Spjega ukoll li kieku ma ntlahaqx qbil ma JAM fuq il-prezz, kienu kuntenti jaghtu l-kuntratt lill-konsorzju tal-Elbros. Ix-xhud ikkonferma li minhabba li d-direzzjoni ta' Pender Gardens kienet kuntenta bil-proposta ta' JAM imma l-prezz taghhom kien gholi, dawn kienu qed jinghataw ghadd ta' indikazzjonijiet specifici dwar kif kellhom jaggustaw il-prezz taghhom. L-akbar insistenzi kienu fuq Attard Brother u mhux fuq JS Dimech u Mekkanika minhabba li l-gholi prezzijiet kienu jikkoncernaw *civil works* jigifieri xoghol ta' kostruzzjoni. Ix-xhud ikkonferma ukoll li waqt il-laqghat mal-kontendenti jista' jkun li kien ikun hemm karti f'idejn membri tal-kumitat li jkun fihom informazzjoni fuq l-offerti tal-kontendenti l-ohrajn ukoll izda waqt tali laqghat, il-persuni prezenti kienu jpoggu faccata ta' xulxin. Filwaqt li x-xhud ikkonceda illi jista' jkun li xi hadd kien qal lil George Borg ta' G&P Borg li l-prezz taghhom kien wiehed tajjeb, huwa eskluda kategorikament li xi hadd qallu li kien il-preferut biex jiehu l-kuntratt. Mill-banda l-ohra, huwa kkonferma li huwa minnu li kien hemm pressjoni fuq JAM sabiex trahhas il-prezz tul il-process kollu. Ix-xhud seta jiftakar it-telefonata li rcieva minghand

George Borg fid-29 ta' Mejju 2014 fejn huwa kien innega li kien hemm xi direttur bl-isem ta' George. Sat-23 ta' Mejju 2014 il-prezz ta' JAM kien 21 miljun, nizel ghal 19.5 miljun fit-30 ta' Mejju 2014 u finalment nizel ghal 19 miljun fit-2 ta' Gunju 2014.

Fis-seduta tat-12 ta' Frar 2015 xehed ukoll **Edmund Gatt Baldacchino**[17] li jokkupa l-kariga ta' Chairman ta' Pender Group. Ix-xhud spjega illi huwa kien qed jippresjiedi l-kumitat ta' aggudikazzjoni dwar is-sejha ghall-offerti in kwistjoni. Kien sar *shortlisting* ta' tlett kontendenti u imbaghad gie emendat ir-rekwizit billi giet mizjuda ukoll il-blokka 17. Filwaqt li kkonferma dak kollu li xehed Peter Diacono dwar il-process tal-ghazla, ix-xhud spjega li matul il-process, kienu jsiru diversi laqghat mal-kontendenti u kienu jigu mistoqsijiet dwar il-prezzijiet offruti u l-modalita' kif kellu jsir ix-xoghol. Ix-xhud iccara li matul dan il-process, il-prezz ma kienx l-unika konsiderazzjoni li kellu f'mohhu l-kumitat. Fir-rigward tal-kumpanija G&P Borg, ix-xhud spjega illi f'punt partikolari kienet ingibdet l-attenzjoni dwar il-fatt li kien hemm riservi dwar kemm kien possibbli li s-sub-appaltaturi proposti kienu kapaci jwasslu l-progett bil-kwalita' rikjesta u fit-*timeframes* indikati. Waqt il-laqgha fejn gew imqajjma dawn ir-riservi, kien hemm ix-xhud kif ukoll Peter Diacono u Edward Licari prezenti. Ir-riservi tal-kumitat kienu kkonfermati mill-fatt li ghad ma kellhomx esperjenza tal-livell tax-xoghol ta' G&P Borg. Ghal din ir-raguni, ix-xhud spjega, qatt ma kienu meqjusa bhala il-preferuti ghalkemm kienu baxxi mill-prezz. Ix-xhud seta jaghraf lill-imputat Josef Dimech prezenti fl-awla imma ma setax jaghraf lill-imputat l-iehor Pierre Mercieca u stqarr li la jafu u lanqas ma

[17] Folio 293-315 ta' l-atti processwali

qatt kellu x'jaqsam mieghu. Mill-banda l-ohra kkonferma li Dimech kien diga' hadem fuq il-progett. Ix-xhud ikkonferma li fid-29 ta' Mejju 2014 waqt li kien qieghed fuq is-sit tal-progett, gie nfurat minn Peter Diacono illi kien cempillu George Borg ta' G&P Borg u qallu li kien iltaqa' mieghu Josef Dimech u qallu li Attard qieghed gholi fuq *civil works* u allura jekk jikkunsidrax li JS Dimech u Mekanika jinghaqdu mieghu minflok. Ix-xhud kien qal lil Peter Diacono li huwa ma jaqbel xejn ma' dawn il-maniggi, specjalment meta l-process kien wiehed matur. Irrakkonta li permezz tat-telefonata, George Borg kien qallu ukoll dwar l-inkontru li kellu ma' ragel pulit bid-daqna gewwa kafetterija f'San Giljan. Filwaqt li kkonferma l-prezzijiet imsemmija minn George Borg kienu vicin ir-realta' ix-xhud eskluda kategorikament illi il-prezzijiet kienu gew mikxufa minn xi hadd minn gewwa Pender Gardens. Ix-xhud spjega illi Pender Gardens kienet ikkooperat bis-shih mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom u sahsitra kaxkret saqajha fuq il-konkluzjoni tal-kuntratt sabiex jilhqu jsiru l-investigazzjonijiet necessarji. Dan id-dewmien sewa lill-kumanija cirka €6,000 kuljum imghax.

**Anthony Bonnici[18],** li jahdem bhala rapprezentat tas-socjeta' Mobile Communications Limited xehed waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2015 fejn ipprezenta dokument li kien jikkontjeni informazzjoni mill-*mobiles* bin-numri 99447598 u 99497622[19].

**PC 896 Robert Zammit[20]**, stazzjonat fit-Taqsima ta' Kontra l-Frodi, xehed waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2015 fejn huwa kkonferma illi huwa kien involut waqt it-tehid tal-istqarrijiet taz-zewg imputati fejn it-tnejn

[18] Folio 318-319 ta' l-atti processwali
[19] Dok AB1, Folio 320 ta' l-atti processwali
[20] Folio 321-324 ta' l-atti processwali

irrifjutaw l-assistenza legali. Fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2017[21], ix-xhud ikkonferma illi kien ilu adett fit-taqsima ta' kontra l-frodi għal madwar erba snin u l-involviment fl-investigazzjoni konċernata kien billi jassiti lill-Ispettur Abdilla. Ix-xhud ikkonferma illi fil-kors tal-interrogazzjoni, l-imputat Pierre Mercieca stqarr li Josef Dimech kien qed jagħmillu xi xogħlijiet fuq proprjetà tiegħu f'Tas-Sliema u ċioè 218 , flat 7, Tower Road, Sliema, fejn irriżulta li kienu għaddejin xi xogħlijiet, inkluż taraġ tal-ħadid li kien għadu maqlugħ. F'dan il-post kien għadu għaddej ix-xogħol. Ix-xhud ikkonferma ukoll illi huwa ma kienx ġie mogħti struzzjonijiet mis-superjur tiegħu sabiex jattendi għall-investigazzjoni ġewwa fond f'Ta' Xbiex.

**Edward Licari**[22], direttur ta' Pender Gardens, xehed waqt is-seduta tal-25 ta' Frar 2015 fejn huwa kkonferma illi huwa kien ukoll membru tal-kumitat ta' aggudikazzjoni tat-*tender* in kwistjoni u kkonferma dak kollu li xehda l-ufficjali l-ohrajn ta' Pender Gardens dwar il-process tal-offerti. Filwaqt li xhud ikkonferma li ovvjament, il-membri tal-kumitat kienu jkunu jafu l-prezzijiet offruti mill-kontendenti, zgur hadd ma xerred dawn il-prezzijiet barra. Ix-xhud ikkonferma illi fit-30 ta' Mejju 2014, is-CEO Peter Diacono informa illi huwa kien ircieva telefonata minghand George Borg ta' G&P Borg li xi hadd kien cempillu u identifika ruhu bhala "George" u li kien direttur ta' Pender Gardens filwaqt li qallu biex jitlaqa' mieghu biex jghidlu x'ghandu jaghmel biex jirbah it-*tender*. Din il-kwistjoni grat fid-29 ta' Mejju 2014 ezatt meta kienet qed issir l-aggudikazzjoni finali tal-offerti ricevuti. Ix-xhud spjega li d-decizjoni li l-kuntratt jinghata lill-konsorzju preferut u cioe' JAM kienet ittiehdet ftit

[21] Folio 564-566 ta' l-atti processwali
[22] Folio 325-382 ta' l-atti processwali

wara x-*shortlisting* ta' tlett *bidders* li kien sar waqt laqgha fit-22 t'April 2014. Hekk kif qamet l-allegazzjoni in kwistjoni, kien tlaqqa' l-bord tad-diretturi b'urgenza u anke saret investigazzjoni interna minn PwC u Dr Louis Degabriele dwar kif setghat harget tali informazzjoni sensittiva. Ix-xhud spjega li nonostante l-investigazzjoni li kienet qed issir mill-Pulizija, il-process kellu jkompli xorta minhabba l-kwisjoni tal-*bond*. Fil-31 ta' Mejju 2014 inghatat *letter of intent* lill-*preferred bidder* u cioe' il-konsorzju JAM. Filwaqt li x-xhud ma setax jaghraf lill-imputat Pierre Mercieca, huwa kkonferma li jaf lil Josef Dimech minhabba li huwa stess kien involut fin-negozju tal-hgieg u l-mirja izda ma ghandu l-ebda konnessjoni familjari mieghu. Ix-xhud stqarr li G&P Borg mal-ewwel qalet min huwa is-sub-appaltaturi proposti u mal-ewwel gew espressi riservi dwarhom. Ix-xhud kompli jispjega li ghalkemm il-kumitat ma kienx kuntent b'G&P Borg, minhabba li huwa kuntrattur rinomat, gie deciz li huwa jithalla fit-tellieqa. Ix-xhud ikkonferma illi G&P Borg giet *shortlisted* wara li kienet giebet perit minn barra minn Malta u ghamlet prezentazzjoni lill-kumitat. F'dan il-punt gie deciz illi G&P Borg tinzamm fit-tellieqa sabiex ma tkunx bejn tnejn u jkesksu iktar sabiex jingieb l-aqwa prezz. Ix-xhud iccara li George Borg kien stqarr li kien lest li jibdel is-sub-appaltaturi minhabba li kien hemm dubji fihom. Ix-xhud qal ukoll li l-kumitat kellu riservi fuq id-ditta G&P Borg innifisha u dan sa minn qabel is-*shortlisitng*. Dawn ir-riservi kienu ukoll naxxenti mill-fatt li skont ix-xhud Borg kien jopera wahdu u li kieku gie nieqes jew gralu xi haga, ma kienx hemm successjoni. In kuntrast, il-kontendenti l-ohrajn kienu kollha *joint ventures* u allura kienu *jointly and severally liable*. Ix-xhud ma nnegax illi waqt il-laqghat mal-kontendenti jista' jkun li kien ikun xi dokumenti bhal *bills of quantity* li setghu kienu vizibbli jekk dak

li jkun jaqra bil-maqlub. Apparti dan, ix-xhud stqarr li li kull kontendent huwa prattikament kapaci li jaghmel *one plus one* u jasal ghal prezz tal-ohrajn u dan permezz tal-indikazzjonijiet li kienu qed jigu moghtija fuq aspetti partikolari tal-proposti taghhom. Ix-xhud stqarr illi l-informazzjoni kollha relevanti illi kienet qed tingabar kienet tinzamm fl-ufficini ta' Pender Gardens u kien hemm ghadd ta' impjegati, specjalment dawk teknici illi kellhom access ghal tali informazzjoni. Il-bord tad-diretturi kien insista ma' Peter Diacono sabiex ikun hemm il-kooperazzjoni necessarja mal-Pulizija minhabba li l-allegazzjoni li kien hemm disseminazzjoni ta' informazzjoni tant sensittiva kienet wahda serjissima.

**Il-Perit Mark Borg**[23], il-*Project Manager* inkarigat mill-progett ta' Pender Gardens xehed waqt is-desuta tal-25 ta' Frar 2015. Ix-xhud ikkonferma illi huwa ma jifformax parti mill-bord tad-diretturi u lanqas mill-kumitat tal-ghazla. Ix-xhud spjega illi wara li gew intaghzlu l-kuntratturi li kienu ser jigi mistiedna jaghmlu offerta, huwa kkuntattjahom u stedinhom sabiex jabbonaw ghall-*e-portal* li kien gie maghmul apposta. Madankollu is-sottomissjonijiet attwali kollha saru permezz ta' *hard copies*. Ix-xhud kien ukoll jikkoordina mal-persuni teknici rispettivi ghan-nom tal-kumpannija. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien ikun jaf il-prezzijiet sottomessi mill-kontendenti. Ix-xhud spjega li matul il-process tal-evalwazzjoni, mil-lat tekniku huwa kien jidhirlu li l-aqwa zewg konsorzji kienu JAM u EST bl-eskluzjoni ta' G&P Borg. Filfatt, anke l-bord ghal zmien twil kien qieghed jaghtih direzzjoni biex jevalwa l-offerti ta' dawn iz-zewg konsorzji biss. Kien biss wara ammont ta' zmien

[23] Folio 383-413 ta' l-atti processwali

li gie dirett sabiex jevalwa s-sottomissjoni ta' G&P Borg ukoll. Madankollu ix-xhud ikkonferma illi huwa ma kienx konvint mis-sub-appaltaturi proposti minn Borg. Eventwalment, l-opinjoni tieghu kienet tipponta biss lejn l-ghazla ta' JAM. Ix-xhud spjega illi huwa kien ikun prezenti ukoll ghal certi laqghat ta' natura kummercjali mal-kontendenti u f'dawn il-laqghat huwa kien jindirizza l-*cost indicators*, cioe' l-aspetti tal-offerti li fihom ikunu gholjin jew inkella baxxi wisq. Dak kien isir fil-kuntest tal-fatt li x-xoghol kien ikun spezzettat fuq elementi individwali bhal per ezempju t-turgien jew inkella s-soqfa. Fl-ghoti ta' dawn l-indikazzjonijiet ma kinitx issir referenza diretta ghall-prezzijiet kwotati mill-kompetituri u lanqas ghall-*budget* ahhari li kellha l-kumpannija. Lanqas ma kienu jaghsru z-zejjed lill-kontendenti dwar il-prezzijiet ghax li kieku jsir hekk, wiehed ikun qieghed jipperikola l-kwalita' ahharija tax-xoghol. Ix-xhud ma eskludiex li mill-indikazzjonijiet dwar il-prezz li bdew jinghataw lejn l-ahhar tal-process, wiehed seta' jasal biex b'xi mod jispekula dwar il-prezz li kien qed joffri haddiehor. Ix-xhud ikkonferma li fid-29 ta' Mejju 2014 qrib nofsinhar, huwa rcieva telefonata minghand George Borg ta' G&P Borg fejn dan qallu li kienet qed tigri xi haga u qal li Josef Dimech kien kellmu dwar prezzijiet. Ix-xhud kien pront iwiegbu li din il-materja ma kinitx ta' idejh. Filfatt ix-xhud informa lil Peter Diacono is-CEO b'din it-telefonata. Meta gara dan, il-process tal-ghazla kien kwazi kompletat. Filwaqt li x-xhud ikkonferma illi huwa jaf lill-imputat Josef Dimech, huwa ma qal li ma jafx lill-imputat l-iehor Pierre Mercieca.

**Ernest Debono**[24], *Cost Manager* ta' Pender Gardens, xehed waqt is-seduta tal-24 ta' Mejju 2015. Ix-xhud spjega illi bhala parti mix-xoghol tieghu, huwa jipproduci *budgets* u *forecasts* finanzjarji. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien prezenti ghal laqgha wahda mal-*bidders* kollha, imbaghad ma regax kien involut. Ix-xhud seta jaghraf lill-imputat Josef Dimech minhabba li dak diga kien ghamlet xi xoghol fuq il-progett izda ma setax jaghraf lill-imputat l-iehor Pierre Mercieca.

**Michele Francica**[25], direttur tal-kumpannija Mekanika Limited xehed waqt is-seduta tat-22 ta' Lulju 2015 fejn huwa spjega li l-kumpannija tipprovdi servizzi li ghandhom x'jaqsmu ma dawl, ilma, *air conditioning* kif ukoll liftijiet u *escalators*. Miz-zewg imputati prezenti fl-awla, ix-xhud seta' jaghraf biss lil Josef Dimech li spjega li kien jafu minhabba li kien involut f'konsorzja mieghu fil-passat. Stqarr li Mekanika kienet giet ikkuntattjata minn Michael Attard ta' Attard Brothers kif ukoll minn Dimech sabiex jikkollaboraw fuq it-*tender* in kwistjoni. Huwa kkonferma ukoll li Mekanika kienet diga ghamlet xoghol gewwa Pender Gardens fuq bazi diretta. Ix-xhud kien jaf li l-prezzijiet kwotati minn JAM kienu gholjin f'xi setturi, partikolarment dak tal-bini. Minhabba dan il-fatt, huwa kellu diversi laqghat ma' Josef Dimech li min-naha tieghu kien qed jara kif jista' jsalva t-*tender* jew ghal anqas jiehdu parti mix-xoghol. Ix-xhud ikkonferma li Dimech kien qallu li jekk il-problema tal-prezzijiet ta' Attard mhux ser tissolva, ser ikun hemm bzonn li jippruvaw jinghaqdu ma xi hadd iehor u kien anke' semma lil G&P Borg ghal dan il-ghan. Dan id-diskors kien sar minn wara dahar Michael Attard u x-xhud ma kienx jaf jekk Josef Dimech kienx wasal li jkellem lil George

[24] Folio 433-436 ta' l-atti processwali
[25] Folio 440-456 ta' l-atti processwali

Borg. Ix-xhid stqarr illi meta sar jaf, Michael Attard ha ghalih imma eventwalment regghu poggew madwar mejda u raw kif jistaw jikkompetu ahjar fuq il-prezz. Ix-xhud stqarr li waqt il-laqghad mad-dirigenti ta' Pender Gardens, qatt ma inghataw informazzjoni diretta dwar il-prezzijiet ta' haddiehor imma biss indikazzjonijiet dwar il-prezzijiet taghhom u fejn dawn kienu gholjin hew irhas wisq. In kontro-ezami iccara li madankollu, bniedem intiz fis-settur facilment jista' jasal vicin il-prezzijiet ta' haddiehor b'mod indirett. Ix-xhud stqarr li lill-imputat l-iehor Pierre Mercieca ma jafux.

**Kurt Mahoney**[26] xehed nhar is-27 t'April 2016 fejn esebixxa traskrizzjoni ta' l-interrogazzjoni ta' l-imputat Pierre Mercieca[27].

**Is-Supretendent Paul Vassallo**[28], stazzjonat fit-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi, xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2016. Ix-xhud stqarr illi huwa assista lill-Ispettur Abdilla fl-investigazzjonijiet relatati mal-każ, fosthom waqt *interview* mal-imputat Pierre Mercieca, li x-xhud seta' jagħrfu fl-awla. Ix-xhud ikkonferma ukoll li qiegħed jagħraf CD b'reġistrazzjoni tal-imsemmi *interview* li tinsab eżebita a Fol. 486.

**Michael Attard**[29] ukoll xehed waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2016. Ix-xhud spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' *managing director* tas-soċjetà Attard Brothers Limited. B'referenza għall-proċess ta' *tendering* għall-proġett Pender Gardens, ix-xhud ikkonferma illi huwa kien interessat fih u ftiehem ma ċertu Josef Dimech, li kien ġieli ħadem miegħu qabel, sabiex jidħlu għax-xogħol flimkien. Ingħaqad ukoll mal-kumpannija

[26] Folio 484-485 ta' l-atti processwali
[27] Dok KM1, folio 486 ta' l-atti processwali
[28] Folio 413-495 ta' l-atti processwali
[29] Folio 496-506 ta' l-atti processwali

Mekkanika li għalkemm qatt ma kien ħadem magħha qabel, jgħid li kien jafda fiha minħabba li kellha reputazzjoni tajba. Ix-xogħol kellu jitqassam billi Attard Brothers Limited tagħmel il-bini, Josef Dimech jagħmel il-faċċata u l-aluminju filwaqt li mekkanika tagħmel is-sistemi tal-elettriku. Jgħid ukoll li huwa kien avviċinat minn Pender Gardens sabiex jagħml l-offerta tiegħu. Id-dokumentazzjoni teknika relattiva kienet timtela minn nies tekniċi li jaħdmu max-xhud imma xhud kellu negozjati diretti ma Pender Gardens ukoll. Mistoqsi jekk ġarax xi ħaġa barra minn norma fil-proċess tal-offerti, ix-xhus spjega  li fl-aħħar ġimgħat, il-prezz tiegħu kien €19,500,000 iżda kien hemm direzzjoni li l-prezz għandu jkun €19,000,000. Ix-xhud ikkonferma illi matul dik il-ġimgħa stess, huwa kien iltaqa' ma Josef Dimech kif ukoll Michael Francica tal-Mekkanika. Deher ċar li dawn l-aħħar tnejn riedu jaqtgħu kull relazzjoni minn max-xhud minħabba r-raġuni li l-prezz tiegħu kien għoli wisq. Eventwalment, kontra qalbu x-xhud qabel li jnaqqas il-€500,000 differenza bejn l-offerta tiegħu u dak li kienu indikaw is-sidien. Ix-xhud innega li kien jaf lill-imputat l-ieħor Pierre Mercieca jew li kien iltaqa' miegħu qabel. Mill-banda l-oħra, ix-Xhud ikkonferma li huwa jaf dwar il-kumpannija G&P Borg Limited u li din taħdem fl-istess linja tan-negozju tiegħu.

**Dr Anthony Dimech**[30] xehed waqt is-seduta tal-20 ta' Frar 2019. Wara li gie ezentat mir-rabta tas-sigriet professjonali, huwa kkonferma illi huwa l-psikjatra kuranti tal-imputat Pierre Mercieca u li Mercieca ghandu sintomi kronici u severi ta' anzjeta' u dipressjoni. Gieli kien hemm episodji fil-passat fejn huwa pprova jnehhi hajtu b'idejh u ghalhekk

[30] Folio 613-618 ta' l-atti processwali

matul iz-imien kien tpogga fuq diversi medicinali inkluz *anti-depressant* u *tranquillizers*. Li gara huwa li l-medicinali setghu affettwaw in-*neurocognitive function* tieghu. Jigifieri issa jaf isib problemi f'kif jippjana, isolvi l-problemi u jirregola l-emozzjonijiet. Dan ifisser li f'mumenti ta' anzjeta' huwa jsir vulnerabbli. Mercieca huwa ukoll bniedem li jaghmel l-ghalmu tieghu biex jghin lill-ohrajn tant li huwa regolarment jghin f'progett missjunarju fil-Gwetemala u anke' jassisti l-morda f'Lourdes. Skont ix-xhud, Mercieca ghandu *personality traits* li jekk jara li hemm xi hadd fil-bzonn se tkun kwazi awtomatika ghalih li jipprova jintervjeni biex jghin u jaghti inqas prijorita' I-vantaggi ghalih innifsu.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija ta' l-imputati**

Illi l-istqarrija ta' l-imputati Josef Dimech u Pierre Mercieca ittiehdu nhar il-10 ta' Gunju 2014 u fis-16 ta' Gunju 2014 rispettivament gewwa l-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Ian Abdilla wara li kien inghata is-soliti twissija ta' xiex gew investigati u wara li nghataw d-drittijiet kollha taghhom dwar il-jedd li jikonsultaw ma avukat tal-fiducja taghhom qabel issirlhom xi interrogazzjoni[31].

L-istqarrija ta' l-imputat ta' Josef Dimech ittiehdet madwar gimghatejn wara l-incident, u cioe fil-10 ta' Gunju 2014 fil-prezenza ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Ian Abdilla u PC 896 Robert Zammit. L-imputat ghazel li jiffirma kull pagna ta' l-istqarrija.[32]

[31] Folio 33 u 36 ta' l-atti processwali
[32] Folio 28-32 ta' l-atti processwali

Illi fl-istqarrija, l-imputat Dimech jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghal-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[33]. L-imputat dahhal f'hafna dettall dwar x'kien gara f'dak kollu relatat ma l-allegazzjonijiet kontrih kif ukoll dwar l-involviment tieghu u l-involviment ta' Pierre Mercieca.

L-istqarrija ta' l-imputat ta' Pierre Mercieca ittiehdet madwar tlett gimghat wara l-incident, u cioe fis-16 u s-17 ta' Gunju 2014 permezz ta' audio video conferencing fil-prezenza ta' PC 896 Robert Zammit (fis-16 ta' Gunju 2014) u tas-Supretendent Paul Vassallo (fis-17 ta' Gunju 2014).[34] Sussegwentement kienet saret traskrizzjoni tax-xhieda.

Illi f' din l-istqarrija, l-imputat Mercieca wkoll jaghzel li jwiegeb ghad-domandi li sarulu pertinenti ghal-kaz wara li rrifjuta li jkellem avukat qabel l-interrogazzjoni[35] u dahhal f'hafna dettal dwar x'kien gara f'dak kollu relatat ma l-allegazzjoni kontrih kif ukoll dwar l-involviment tieghu u ta' Josef Dimech u l-inkontru ma' George Borg.

Madankollu u f'bażi preliminari tajjeb li din il-Qorti tistabilixxi jekk 1-istqarrija li ġiet rilaxxata mill-imputati humiex amissibbli u jistax ssir infirenza f'dawn il-proċeduri u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza reċenti mil-Qrati tagħna li bbażaw ruħhom fuq insenjamenti mill-kazistika tal-Qorti Ewropea għall-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem. Meta ġew irilaxxjati 1-istqarrijiet tal-imputati, il-liġi Maltija ma kinitx tipprovdi għad-dritt ta' assistenza legali matul 1-interrogazzjoni fejn irid allura jiġi stabbilit jekk l-istqarrijiet in kwistjoni kienux konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea u dik Maltija tal-Artikolu 6

[33] Folio 33 ta' l-atti processwali
[34] Dok IJA 6 u 7 u Dok KM1 a folio 446 ta' l-atti processwali
[35] Folio 33 ta' l-atti processwali

tal-Konvenzjoni Ewropea għal Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Meta l-imputati rrilaxxaw l-istqarrija taghom, huma kien ingħataw id-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-għażla tiegħu, liema dritt infatti ma uzax[36]. Madankollu ma kien ingħata l-ebda dritt tal-preżenza tal-avukat ta' fidcuja tiegħu matul l-interrogazzjoni, għas-sempliċi raġuni li din il-proċedura daħlet fis-seħħ fil-liġi tagħna permezz tal-Artikolu 355AUA(8) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan biss permezz tal-Att AL tas-sena 2016.[37] Kwindi din il-liġi daħlet fis-seħħ kważi sentejn wara li l-imputat ġie interrogat.

Jidher li minn dħul fis-seħħ ta' din il-liġi tqajjmu diversi lanjanzi kostituzzjonali fejn ġiet attakkata l-validita' tal-istqarrija ta' dak li jkun f'diversi każijiet pendenti ta' natura kriminali, meta alavolja sanċit bid-drittijiet tal-konsulta legali qabel l-interrogazzjoni u tat-twissija skont il-liġi, l-interrogat ma jkunx ingħata d-dritt li jkollu avukat preżenti matul l-interrogazzjoni. Fost dawn is-sentenzi hemm il-kawża kostituzzjonali fl-ismijiet ta' **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**[38] li tirrigwarda l- ksur tad-dritt tas-smiegħ xieraq. Din ġiet ribadita mill-Qorti Kostituzzjonali li kkonfermat ukoll ir-rimedju konsistenti fl-isfilz tal-istqarrijiet li kienu ġew irilaxxati minn Christopher Bartolo matul il-proċeduri fil-konfront tiegħu. Fl-ewwel sentenza ta' din il-kawża, l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet esprimiet is-segwenti:

*Il-Qorti rat ukoll illi anke l-Qrati ordinarji Maltin diġa bdew jesprimu d-dubbji tagħhom rigward jekk, il-liġi, kif kienet dak iż-żmien, kienetx tiggarantixxi*

[36] Folio 33 u 36 ta' l-atti processwali.
[37] Fit-28 ta' Novembru 2016
[38] Rikors kostituzzjonali 92/16.

*adegwatament d-dritt ta' smiegħ xieraq konsiderat illi ma kienetx tippermetti illi suspettat jkollu assistenza legali waqt 1-interrogatorju, u dan kif jidher fissentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fis-6 ta' Ottubru 2016 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spetur Jesmond J. Borg) vs Jason Cortis fejn intqal illi:*

*"...jista' jkun hemm lok għal-dibattitu dwar kemm il-provvedimenti tal-Kap 9 jirrispekkjaw d-dritt għall-assistenza legali mogħti lill-arrestat tenut kont ukoll illi dan id-dritt, kif eżistenti taġt il-liġi tagħna, huwa ristrett għal siegħa qabel 1- interoggatorju u b'hekk jeskludi 1-jedd tal-preżenza tal-avukat waqt 1-istess interrogatorju. F'dak 1-istadju 1-arrestat huwa soġġett għal mistoqsijiet diretti u suġġestivi bir-risposti tagħhom, anke jekk jagħżel li ma jweġibx, bit-traskrizzjoni tiegħu tkun eventwalment esebita fil-proċeduri kontrih fejn ikun meqjus innoċenti sakemm pruvat mod ieħor."*

*Huwa ċar għalhekk illi skont il-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti ta' Strasbourg, hekk kif żviluppat u evolviet sussegwentement għas-sentenza ta' Salduz, ilgaranzija u protezzjoni ta' smiegħ xieraq tirikjedi illi 1-arrestat jingħata 1-possibilita li jkollu miegħu avukat tal-fiduċja tiegħu waqt, u mhux biss qabel, l-interogazzjoni. Għalhekk jidher illi 1-argument tal-intimati illi dan 1-ilment tarrikorrent huwa nfondat ghaliex kienet inghata 1-possibilita li jkellem avukat qabel 1-ewwel interrogatorju huwa nsostenibbli ghaliex mill-gurisprudenza appena citata, jidher car illi 1-arrestat ghandu jinghata 1-possibilita li jkollu avukat prezenti waqt 1-interogazzjoni. M'huwiex kontestat, illi fiż-żmien in kwistjoni kien hemm restrizzjoni sistematika li kienet timpedixxi lill-arrestat milli jkollu avukat tal-fiduċja tiegħu preżenti waqt 1-interrogazzjoni. M'huwiex ikkontestat ukoll illi r-rikorrent ma tħalliex ikollu avukat preżenti waqt 1-ewwel interogazzjoni, u illi ma ingħatax aċċess għall-avukat tiegħu qabel jew waqt it-tieni interogazzjoni. Dan il-fatt waħdu, skont il-*

*ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, huwa biżżejjed biex tinstab leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq.*

In oltre jidher li dan l-insenjament qed jiġi adoperat u applikat fil-Qrati tagħna fil-preżent kull meta jiġu rinfaċċati bl-istess sottomissjonijiet fejn fost dawn is-sentenzi nsibu l-kawża fl-ismijiet **Pulizija vs Claire Farrugia**[39] deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-20 ta' Novembru 2018 li għamlet referenza ampja għal diversi kawżi minn żmien **Salduz vs Tukrija** fejn ġie ribadit kostantement illi l-prinċipju tas-smiegħ xieraq huwa mibni fost oħrajn fuq id-dritt tal-assitenza legali kemm qabel kif ukoll waqt l-interrogazzjoni u dan apparti rrappreżentanza legali matul il-proċeduri fil-Qorti.

Illi wkoll mill-analiżi tas-sentenzi kkwotati kif ukoll ta' dawk is-sentenzi li ssir referenza għalihom fil-korp tagħhom jidher li minkejja din il-posizzjoni, il-ġudikant imbagħad ikun irid jara jekk xorta waħda hemmx provi biżejjed kontra l-persuna kkonċernata li fuqhom tkun tista' tinstab ħtija irrispettivament mill-ammissjoni li setgħet tkun saret fl-istqarrija. Dan kien fil-fatt il-każ fis-sentenza kontra Claire Farrugia fejn kienu nstabu wkoll provi materjali apparti l-ammissjoni tal-imputata permezz tal-istqarrija ġuramentata u li xorta waħda ġiet meqjusa bħala prova inamissibbli. Ġie meqjus ukoll illi l-Qrati għandhom jieħdu din il-posizzjoni anki meta ma jkunux ġew eżawriti r-rimedji ordnarji f'każijiet li kienu għadhom pendenti bħala salvagwardja għar-retta amminisstrazzjoni tal-ġustizzja.[40] In oltre dan il-prinċipju ġie ravviżat anki f'ċirkostanzi meta l- persuna arrestata tirrifjuta l-jedd tal-parir

[39] Appell numru 259/2018 ippresedut mill-Imhallef Consuelo Scerri Herrera.
[40] Ara s-sentenza fl-ismijiet Malcolm Said vs Avukat Generali datata l-24 ta' Ġunju 2016 kif ikkonfermata fil-Qorti Kostituzzjonali.

legali qabel l-interrogazzjoni għax dan ma jeskludix awtomatikament li hu kien ser jirrifjuta wkoll l- avukat matul l-interrogazzjoni u b'hekk waħda ma tistax titqies li teskludi lill-oħra.

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata fil-kaz **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[41] fejn il-Qorti rriteniet:

*"il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija filproċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu."*

Illi din il-posizzjoni tal-Qrati lokali giet ikkonfermata recentement fil-kaz **Graziella Attard vs Avukat Generali**[42] fejn il-Qorti rretniet:

*"Madankollu, billi ċ-ċirkostanzi fejn il-persuna interrogata tista' ma titħalliex tkellem avukat huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola, u din ilqorti għandha s-setgħa li tagħti rimedju fejn issib li disposizzjoni li tħares dritt fondamentali mhux biss "qiegħda tiġi" iżda wkoll meta "tkun x'aktarx sejra tiġi miksura", din il-qorti hija tal-fehma, kif osservat fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet Malcolm Said v. Avukat Ġenerali6 , illi ma jkunx għaqli –*

[41] Qorti Kostituzzjonali; Deciza 14 ta' Dicembru 2018
[42] Deciza 27 ta' Settembru 2019; Qorti Kostituzzjonali

*partikolarment fid-dawl ta' inkonsistenzi fis-sentenzi tal-Qorti Ewropea li joħloq element ta' imprevedibilità, kif jixhdu l-posizzjonijiet kunfliġġenti li ħadet fil-każ ta' Borg u f'dak ta' Beuze – illi l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bilproduzzjoni tal-istqarrija mogħtija mill-attriċi lill-pulizija għaliex tqis illi, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat ma kienx nuqqas li ma jista' jkollu ebda konsegwenza ta' preġudizzju għall-attriċi, aktar u aktar meta fl-istqarrija ammettiet sehma fir-reat.*

*Għaldaqstant tipprovdi dwar dan l-aggravju tal-avukat Ġenerali billi tgħid illi, għalkemm ma seħħ ebda ksur tal-jedd tal-attriċi għal smigħ xieraq meta ttieħditilha stqarrija, madankollu dik l-istqarrija ma għandhiex tibqa' fl-inkartament tal-kawża kontriha."*[43]

*"din il-qorti ttenni li ma jkunx ghaqli li jsir uzu mill-istqarrija waqt il-process kriminali.."*[44]

F'dan il-kaz l-akkuzata ma nghatax l-opportunita' li titkellem ma avukat qabdel bdiet l-interrogazzjoni mill-pulizija.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello**[45] fejn l-ewwel Qorti irriteniet:

*"din il-gurisprudenza m'għadhiex applikabbli inkondizzjonatament safejn l-akkużat qiegħed jippretendi li l-istqarrija tiegħu mhijiex ammissibbli bħala prova abbażi tal-fatt waħdu li dak iż-żmien ma setax ikun assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt li kien qiegħed jirrilaxxja l-istqarrija. Anzi,*

[43] Folio 11 u 12 tas-sentenza
[44] Folio 14 tas-sentenza
[45] Qorti Civili, Prim' Awla, Onor. Imhallef Anna Felice, Deciza 17 ta' Ottubru 2019, Ref Kost: 38/2018AF

*għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi li flimkien jagħmlu ċ-ċirkostanzi tal-każ.*

*Martino Aiello fl-ebda stadju ma kkontesta l-awtentiċità talprova li ġabet il-Prosekuzzjoni kontrih, liema prova mhijiex limitata għall-istqarrija in kwistjoni. Lanqas ma oppona għallpreżentata ta' dik l-evidenza. L-assjem tal-provi ser ikun evalwat minn Imħallef u għalhekk, minn persuna b'għarfien għoli tal-proċedura legali u l-liġi Maltija.*[46]

Illi din is-sentenza gie recentemet ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali.[47]

Din il-Qorti hadet konjizzjoni tal-fedina penali tal-imputati, u tinsab konvinta li l-imputati m'ghandhomx jigu meqjusa bhala persuni imdorrija ghall-proceduri u l-prattici tal-pulizija. Kwindi konsegwentement a bazi tal-insenjamenti ravviżati u li jidhru li qabdu linja paċifika fil-Qrati Maltin, stante li ma jirriżultax li kien hemm raġunijiet validi jew impellenti li setgħu jiġġustifikaw in-nuqqas tal-għoti lill-imputat tal-assistenza legali matul 1-interrogazzjoni għajr għall-fatt li dan il-prinċipju ma kienx għadu ravviżat fil-liġi Maltija fiż-żmien meta ġie interrogat, din il-Qorti tqis li għal din ir-raġuni oġġettiva, u sabiex żgur jiġi evitat li 1-jeddijiet fundamentali tal-imputat jiġi b'xi mod ritenuti leżi minn din il-Qorti minħabba fl-użu tal-istqarrija tiegħu fil-ġudizzju tagħha, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi li tiskarta dawn 1-istess stqarrijiet u ma tqishomx bħala prova f dawn il-proċeduri.

[46] Folio 25 tas-sentenza
[47] Deciza 27 ta' Marzu 2020, Imhallfin S.T.O Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo, Onor. Imhallef Anthony Ellul, Rikors Numru 38/18

**Ikkunsidrat**

**Il-principji legali u kazistika nostrana**

L-artikolu 121A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:

> *(1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*
>
> *(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.*
>
> *(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għal kollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.*

Storikament l-introduzzjoni ta' dan ir-reat kien sehh wara t-transposizzjoni ta' artiklu 12 tal-Konvenzjoni tal-Ligi Kriminali dwar il-

Korruzzjoni tal-Kunsill Ewropej.[48] Internazzjonalment dan ir-reat dejjem kien ikkonsidrat bhala wiehed minn dawk ir-reati li jaqa' taht il-kappa ta' x'inhi kkonsidrata korruzzjoni. Madankollu, in vista tal-fatt li huwa kkonsidrat difficli li tistabilixxi definizzjoni komuni ta' x'inhi korruzzjoni, l-OECD, il-Kunsill Ewropej u l-Konvezjonijiet ta' l-Istati Uniti stabilixxu *standards* internazzjonali dwar il-kriminalita tal-korruzzjoni billi gew stabiliti reati specifici u individwali minflokk li ikun hemm definizzjoni generika jew reat wiehed ta' korruzzjoni.

Ghalhekk dan ir-reat ta' meta persuna tuza l-influwenza li jkollha huwa meqjus bhala forma specifika ta' korruzzjoni. Skond Transparency International id-definizzjoni ta' dan ir-reat huwa:

> *"The situation where a person is selling his/her influence over the decision process involving a third party (person or institution)"*.[49]

Skond l-OECD id-definizzjoni hija:

> *"Trading in influence occurs when a person who has real or apparent influence on the decision-making of a public official exchange this influence for an undue advantage."*[50]

Illi ghalhekk kien wasal sabiex ikun hemm introduzzjoni specifika fit-Tieni Parti tal-Kodici Kriminali permezz ta' l-Att III ta' 2002 sabiex dan ir-reat jigi stabillit bhala wiehed specifiku u individwali u mhux jibqa' kkonsidrat b'mod generiku taht ir-reat ta' korruzzjoni.

---

[48] Vide Tezi ta' Dr. Joseph Gerada LL.D; "The Offence of Trading in Influence and its Impact on Legitimate Influence Practices; Universita ta' Malta; 2014.

[49] Dr. Philip Gounev, Rositsa Dzhekova, u Tihomir Bezlov, 'Study on anti-corruption measures in EU Border control', (Center for the Study of Democracy (Project 1 EOOD) (2012).

[50] Organisation for Economic Co-Operation and Development (OECD) *Glossary of International Standards on Corruption,* (OECD, 2007).

Fid-dibattiti parlamentari dan ir-reat gie meqjus bhala:

*"'fejn wieħed joqgħod jgħid x'kuntatti għandu u affarijiet minn dawn biex jipprova jiffroda lin-nies billi jagħti l-impressjoni li jista' jinfluwenza dwar kif jittieħdu deċiżjonijiet."*[51]

Illi sussegwentement ghall-introduzzjoni ta' dan ir-reat u wara rakomandazzjonijiet mill-GRECO, kienu saru emendi fil-ligi[52] sabiex jitwessa l-iskop tar-reat, jigu stabilliti poteri specjali tal-Qorti fir-rigward ordnijiet ta' ffrizar u konfiska ta' l-assi ta' persuna, kif ukoll ikun hemm zieda fil-pieni.[53]

Illi permezz ta' emendi ohra fis-sena 2007 u 2013[54] kien hemm tibdil fl-artikolu 121A(1) u (2) li servew sabiex ir-reat isir iktar wiesa fl-iskop tieghu kif ukoll ikun iktar wiesa fir-rigward tal-persuni li jistghu jigu milquta b'dan ir-reat.

Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet li fih taw interpretazzjoni ta' dan ir-reat u din il-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti kawzi ta' importanza.

Fil-kaz **Pulizija vs Gino Zammit**[55] gie retenut:

*Illi fir-rigward tat-tieni akkuza, l-appellant instab hati tar-reat gdid introdott recentement bl-Att III tal-2002, bl-artikolu 121A, kif emendat. Illi dan l-artikolu ghandu tlitt subartikoli. Is-subartikolu (1) jaghmilha reat li wiehed iwieghed, jaghti jew joffri, sew b' mod dirett sew indirett,*

[51] Onervoli Ministru Tonio Borg; Sedutat tal-Parlament No. 517; 24 t'April 2007.
[52] Att Numru VI ta' 2007
[53] Rega kien hemm zieda fil-pieni fis-sena 2013 permezz ta' Att Numru IV ta' 2013
[54] Att Numru XXXI ta' 2007
[55] Qorti ta' l-Appell Kriminali, Onor. Imhallef J. Galea Debono, Appell Numru: 51/2008, Deciza 17 ta' Settembru 2008

*xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li tkun kapaci li taghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna imsemmija flartikoli precedenti, bhal ufficjali pubblici, membri tal-Kamra tad-Deputati, gurati, eccetera, sabiex igieghel lil dik il-persuna l-ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor.*

*Is-subartikolu (2) umbaghad jaghmilha reat li xi hadd jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa imsemmija fissubartikolu (1).*

*Is-subartikolu (3) jghid li r-reati imsemmija fiz-zewg subartikoli precedenti, jkunu kunsmati sew jekk il-kapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.*

Fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-13 ta' Lulju, 2006 fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo**[56] gie ritenut li :-

"*li minn ezami tal-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex B*

[56] Onoervoli Imhallef Joseph Galea Debono, Appell Numru 4/2005

*jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D."*

*"Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircevi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fissubartikolu (1). Mela hawn is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircevi minnghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghall xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C. (sottolinear tal-Qorti)."*

*"Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk ilkapacita' allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."*

*"Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi flart. 121A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux semplicement ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo** (Dec. Preliminari) fid-data 23 ta' Novembru, 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irretiniet illi:

*"Ghall-finijiet tar-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-artikolu 121 A tal-Kodici Kriminali, min ikun ircieva jew accetta l-offerta hemm imsemmija irid ikun ukoll "asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci*

*li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fitq ilmod kif tiddeciedi xi persuna" imsemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-artikolu 121 A. Tali asserzjoni jew konferma bhalma wiehed isib fis-subartikolu (1) – li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu 121 A - ma hemmx ghalfejn tkun esplicita, izda huwa bizzejjed li tkun espressa implicitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif hsieb jew idea jistghu jigu trasmessi minn persuna ghal ghand ohra."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Godfrey Formosa**[57] fejn jinghad:

*"Illi kif jidher ċar mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni kif ukoll minn ġurisprudenza nostrana li daħlet fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi, huwa meħtieġ li jkun hemm tlett partijiet involuti fil-kummissjoni ta' dan irreat u ċioe`, il-persuna li tħallas jew tagħti rigal jew alternattivament twiegħed dan lil persuna oħra biex dan tal-aħħar jinfluwenza terża persuna li tkun tista' da parti tagħha tipprovdi dak mixtieq jew tieħu deċizjoni rigward dak mistenni jew pretiż mill-ewwel parti f'din il-katina. In oltre lpersuna hekk imħallsa trid tkun ikkonfermat li hi għandha s-setgħa li tinfluwenza lil terża persuna sabiex dan jeffetwa dak mixtieq jew mistenni. A skans ta' repetizzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet – **Ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Arrigo** kif ukoll - **Il-Pulizija vs Gino Zammit** li daħlu fl-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni u spjegaw ċar l-elementi ta' dan ir-reat fis-sentenzi in kwistjoni."*

Illi din is-sentenza tghid[58]:

[57] Qorti tal-Appell Kriminali, Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima, Appell Nru: 99/2017, Deciz 27 ta' Frar 2019

*"…min ikun ircieva jew accetta l-offerta msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 121A, irid ikun ukoll asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna msemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-Artikolu 121A.*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Herman Sant**[59] fejn il-prokseuzzjoni akkuzat l-imputat b'komplicita'. In vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma specifikatx jekk l-akkuzat huwiex akkuzat bir-reat jekk huwiex komplici b'mod attiv jew mod passiv il-Qorti osservat:

*"….ghandu jigi rilevat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali m'hemmx indikat liema miz-zewg reati ipotezzati f'din id-dispozizzjoni tal-Ligi qed jigi addebietat lill-imputat, pero fic-citazzjoni hemm kwotat ir-reat ipotezzat taht l-ewwel subartikolu allura huwa dan ir-reat li jista jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fil-konfront ta'l-imputat.*

*Illi ghalhekk fil-kaz in ezami dak li ghanhda tipprova lprosekuzzjoni hu li l-imputat kien komplici ta' A (is-soggett attiv tar-reat) li da parti tieghu wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna, B, biex din tinfluwixxi l-mod kif ser jiddeciedi C u li huwa jew ufficjal jew impjegat pubbliku jew xi persuna ohra imsemmija f'l-artikoli 112 sa' 120 tal-Kapitolu 9.*

[58] Qorti tal-Appell Superjuri datata l-20 ta' Mejju 2010 ppreseduta mill-Imħallfin David Scicluna, Noel Arrigo u Joseph Zammit McKeon

[59] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Doreen Clarke, Deciza 25 ta' Novembru 2013; Kaz Numru: 825/2009

Illi fil-kaz **Pulizija vs Gordon Pace**[60] gie stabillit in-necessita li l-vittma jispecifika u jidentifika minn huma l-persuna li l-imputat kellu s-setgha jinfluwenza ghall-beneficcju tieghu u ghal dan il-ghan iddentifikat erba elementi necessarji:

> *"Mill-provi jirriżultaw l-ewwel tliet elementi: (a) li l-imputat irċieva żewġ offerti; (b) li dawn kellhom iġibu vantaġġ għal xi ħadd ieħor; u (e) l-iskop kien sabiex l-imputat jeżerċita inflwuenza mhux xierqa. Jibqa' nieqes ir-raba' element: fuq min kien ser jeżerċita din l-influwenza l-imputat. Fil-provi ix-xhieda mtellgħin mill-Prosekuzzjoni qatt ma semmewx nies b'mod preċiż u / jew il-karigi li dawn iħaddnu......ir-raba' element huwa sine qua non biex il-Qorti tista'tiddeċiedi li sar dan ir-reat.'"*

Illi di piu', mill-aspett tal-element formali tar-reat, il-*mens rea* u l-ghan li attwalment l-imputat jinfluwenza skond is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 121A gie trattat fil-kaz **Il-Pulizija vs Lourdes Castillo**[61]

> *"Issa mill-provi fil-proċess minn imkien ma tirriżulta din l-intenzjoni. Biex jiskatta l-paragrafu (3) tal-artikolu 121A irid li minn xi prova jkun jirriżulta tali intenzjoni. Jekk hemm provi ta' din l-intenzjoni, jsegwi li wieħed jista' jinstab ħati taħt la-rtikolu 121A ukoll jekk il-kapċita' allegata ma kinitx teżisti. Mela jekk fil-mument tal-ftehim, min jirċievi l-flus jkun għadu jikkontempla lil min ser itihom biex jista' juża l-influwenza tiegħu, ir-reat xorta jkun twettaq għaliex l-għan li ssir xi ħaġa li mhux xierqa diġa' qiegħed hemm u l-elementi kollha tar-reat ikun jissusistu minkejja li dak li jkun ikun għadu jħammem dwar min tista'*

[60] Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Laurence Quintano, Deciza 7 ta' Ottubru 2009; Kaz Numru 363/2006; Folio 9

[61] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Laurence Quintano; Deciza 10 ta' Jannar 2014; Appell Numru 417/2012; Folio 17

*tkun il-persuna addattata. Ir-reat ukoll jitwettaq jekk wieħed javviċina lil xi ħadd biex jinfluwenzah iżda din linfluwenza ma sseħħx."*

**Ikkunsidrat**

**L-imputazzjonijiet kontra l-imputati**

Fl-akkuzi relattivi iz-zewg imputati tressqu a bazi tas-sub artikolu wiehed (1) ta' l-artikoli 121A bhala r-reat specifiku L-Avukat Generali ressaq in-Nota tar-Rinviju nhar it 22 t'Awissu 2016[62] u f'din in-Nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jindika l-imputazzjonijiet u jirriferi b' mod specifiku ghall-artikolu u sub-artikoli 121A(1)(2)(3) fil-konfront taz-zewg imputati.

Fil-konfront ta' Pierre Mercieca, l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali indika wkoll l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali li huwa dak tal-komplicita' f'reat.

Ghalhekk fil-kaz in ezami dak li l-prosekuzzjoni kellha tipprova fil-konfront ta' Mercieca hu li l-imputat Mercieca kien komplici tal-imputat Dimech (ossija s-soggett attiv tar-reat) li da parti tieghu wieghed, ta jew offra xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna biex din tinfluwixxi l-mod kif ser tiddeciedi persuna ohra.

Peress li l-imputat Mercieca qieghed jigi akkuzat b'komplicita' fir-reat taht l-artikolu 121A, ir-reat applikabbli fil-konfront ta' Mercieca ghandu jkun dak kontemplat fit-tieni subartikolu ta' l-artikolu 121A u mhux dak taht is-subinciz (1).

[62] Folio 510 ta' l-atti processwali.

F'dan il-kaz jidher li l-allegati rwoli taz-zewg imputati, ghalkemm dwar l-istess reat, kienu differenti. Minn ezami ta' l-evidenza mressqa mill-prosekuzzjoni jidher bic-car li l-akkuza fil-konfront ta' l-imputat Josef Dimech tirriferi ghar-reat kontemplat fis-subartikolu (1) li hu reat ghal kollox differenti minn dak kontemplat fis-subartikolu (2) u fir-rigward l-imputat Pierre Mercieca r-reat kontemplat huwa dak fis-subartikolu (2).

L-ewwel subartikolu hu r-reat ta' min **iwieghed jew joffri**. It-tieni hu r-reat ta' min **jircievi jew jaccetta** xi offerta jew weghda ta' vantagg mhux xierqa. Fiz-zewg kazijiet is-suggett attiv u passiv kontemplati fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali huma differenti. Ir-reati differenti mhumiex komprizi jew involuti f' xulxin.

Allura dan ifisser li sabiex jissussiti r-reat tat- *trading in influence* irid ikun hemm is-soggett attiv (A) li jwieghed lil (B) sabiex (B) jinfluwixxi fuq (C) ghal beneficcju ta' xi hadd, anke terz (D). Dak li din il-Qorti trid tevalwa u tezamina huwa jekk mill-provi u evidenza mressqa mill-prosekuzzjoni hemmx minn dan kollu sal-grad rikjest mill-ligi.

Id-definizzjoni ta' *trading in influence* li fuqha jinsab ibbazat l-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali taghna, hija riflessa fil-Konvenzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa tal-1997 fejn jinghad:

> *"Intentionally promising, giving or offering, directly or indirectly, undue advantage to anyone who asserts or confirms that he or she is able to exert an improper influence over the decision-making of a public official whether the undue advantage is for himself/herself or anyone else."*

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Gordon Pace**[63] il-Qorti annalizat il-forma passiva tar-reat u identifikat is-segwenti elementi tar-reat:

(a) Persuna tirċievi offerta;
(b) L-għan ta' din l-offerta jkun vantaġġ għalih jew għal xi ħadd ieħor;
(e) L-iskop wara l-offerta jkun sabiex il-persuna teżerċita influwenza mhux xierqa;
(d) Fuq il-mod kif teddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli 112 et.

Illi fir-rigward ta' Josef Dimech, dejjem skond kif tressqu l-provi tal-prosekuzzjoni, ghandu jigi meqjus bhala l-persuna attiva tar-reat. Konsegwentement, ir-reat li qed jigi akkuzat bih ghandu jigi ikkunsdrat biss fid-dawl tas-subartikolu wiehed (1) ta' l-artikolu 121A.

**Ikkunsidrat**

**Ezami tal-provi mressqa**

Illi mill-provi jirrizulta li skond l-imputat Josef Dimech hu ma kien qabbad lil hadd biex imur ikellem lil George Borg, u dan sahansitra ftit tal-hin wara li kien iltaqa' mieghu hu. Oltre dan qatt ma kien iddiskuta xejn dwar it-*tender* ma' Mercieca u qatt ma talbu jintervjeni. Min-naha tieghu l-imputat Mercieca jghid li kien kellem lis-Sur Borg minn jeddu u mhux ghax kien gie imqabbad mill-imputat Dimech, kif ukoll li qatt ma gie mwieghed xejn ta' dan l-involviment tieghu.

[63] Qorti tal-Magistrati; Magistrat Dr. Laurence Quintano; Deciza 7 t'Ottubru 2009; Kaz Numru: 363/2006

Illi minn ezami tas-CD u r-ritratti esebiti komplessivament bhala Dok IJA1[64] jirrizulta li l-laqgha bejn is-Sur Borg u s-Sur Dimech bdiet fit-8.29.30 u temmet fir-8.35.30. Kienet laqgha qasira ta' sitt minuti li fiha huwa plawsibli li kien hemm zmien bizejjed sabiex isir dak id-diskors deskritt mis-Sur Borg fix-xhieda tieghu.

Illi minn ezami ta' Dok IJA3 u Dok AB1[65] jirrizulta li kien hemm is-segwenti skambji bejn l-imputati u George Borg.

- George Borg lil Josef Dimech – 21 ta' Mejju 2014, fl-10.12.09

- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – 22 ta' Mejju 2014, fit-8.31.57
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – 22 ta' Mejju 2014, fis-13.02.14
- Josef Dimech lil George Borg – 22 ta' Mejju 2014, fil-17.32.38
- George Borg lil Josef Dimech – 22 ta' Mejju 2014, fil-17.40.20
- Josef Dimech lil George Borg – 22 ta' Mejju 2014, fil 17.42.16

- Pierre Merieca lil Josef Dimech – 26 ta' Mejju 2014, fis-7.44.55
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – 26 ta' Mejju 2014 fis-7.49.30
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-26 ta' Mejju 2014, f'12.05.24
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-26 ta' Mejju 2014, fis-13.20.55

[64] Folio 27 ta' l-atti processwali
[65] Folio 34 ta' l-atti processwali. Vide ukoll dokument esebiti a folio 159-176 u 320 ta' l-atti processwali

- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-27 ta' Mejju 2014, f'12.02.48
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-27 ta' Mejju 2014, fil-17.59.02
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – fis-27 ta' Mejju 2014, fis-19.00.47
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-27 ta' Mejju 2014, fis-19.14.18
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fis-27 ta' Mejju 2014, fis-19.32.04

- Josef Dimech lil George Borg – fit-28 ta' Mejju 2014, fl-16.56.01
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fit-28 ta' Mejju 2014, fil-18.29.28
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – fit-28 ta' Mejju 2014, fis-16.58.57
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – fit-28 ta' Mejju 2014, fil-17.07.57
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fit-28 ta' Mejju 2014, fil-21.07.31
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fit-28 ta' Mejju 2014, fid-21.13.57

Fid-29 ta' Mejju 2014 – il-gurnata ta' l-inkontru bejn Josef Dimech u George Borg u bejn Pierre Merceica u George Borg, jirrizulta kien hemm dawn l-iskambji:

- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fil-09.00.22
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-10.21.01
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-10.36.25
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-10.36.55
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-10.40.24

- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-11.54.53
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-12.08.27
- Josef Dimech lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, f'12.16.17
- George Borg lil Josef Dimech – 29 ta' Mejju 2014, f'12.18.56
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-12.43.30
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-12.56.51
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca – fid-29 ta' Mejju 2014, f'12.59.23
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-13.16.19
- Pierre Mercieca lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, fis-13.23.53
- Pierre Mercieca lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, fis-13.24.48
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech – fid-29 ta' Mejju 2014, fl-13.26.54
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-13.41.44
- Pierre Mercieca lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, fis-14.26.50
- Pierre Mercieca lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, fis-14.27.17
- Pierre Mercieca lil George Borg – 29 ta' Mejju 2014, fis-14.28.56
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech –fid-29 ta' Mejju 2014, fit-15.03.01
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fit-15.06.03
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech –fid-29 ta' Mejju 2014, fit-15.51.19
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fit-15.51.49

- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fl-16.04.49
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fl-16.05.09
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-18.11.57
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-18.38.47
- Pierre Mercieca lil Josef Dimech –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-19.29.22
- Josef Dimech lil Pierre Mercieca –fid-29 ta' Mejju 2014, fis-19.32.30

(B'kollox tletin (30) skambju).

Illi b'zieda ma' dawn, fit-30 ta' Mejju 2014 kien hemm sittax (16) il-skambju iehor bejn Pierre Mercieca u Josef Dimech u fil-31 ta' Mejju 2014 kien hemm sitt (6) skambji ohra bejn l-istess imputati Pierre Mercieca u Josef Dimech

Illi fit-2 ta' Gunju 2014 kien hemm sitt (6) skambji ohra bejn Pierre Mercieca u Josef Dimech u fit-3 ta' Gunju 2014 kien hemm skambju wiehed (1) bejn l-istess Pierre Mercieca u Josef Dimech.

Illi minn ezami ta' l-iskambji ta' bejn l-imputati u George Borg jirrizulta li dak in-nhar ta' l-inkontri mas-Sur Borg kien hemm ammont frekwenti u gholi ta' skambji bejniethom li fil-granet kemm ta' qabel u ta' wara din il-frekwenza naqset u spiccat.

Illi granet wara li kien hemm dan l-inkontru, l-konsorzju li kien jifforma parti minnu l-imputat Josef Dimech issottometta offerta ravizzata bl-intiza li jkun aktar kompettitiv[66].

[66] Dok 19 minn Dok IJA 10, Folio 48 ta' l-atti processwali

Illi gimgha wara kienet ittiehdet decizjoni dwar l-ghoti tat-tender ta' Pender Gardens.

Illi minn ezami ta' dokument IJA9[67] jirrizulta li l-offerti kienu saru minn hames *bidders* inizjali, bl-indikazzjoni li l-iktar offerta finanzjarjament kompetitiva kienet dik ta' G&P Borg u dan wara li kienu gew eliminati zewg kandidati mill-hamsa li ssottomettew l-offerta taghhom.

Illi mill-istess dokumenti jirrizulta li waqt laqgha tal-Bord nhar it-Tnejn 9 ta' Gunju 2014 fit-15.30pm kien hemm is-segwenti rimarki[68]:

> *"It was noted that the best civil works contractors were Elbros and Attard Bros. With regards to the M&E works the Board considered that Mekanika was to be preferred to Titan on the basis of the latter's track record, whilst for external fabric JSD Dimech was considered as the preferred supplier on the basis of experience and track record.*
>
> *On the basis of the foregoing considerations, the Board selected the JAM JV as the preferred bidder. The CEO was asked to issue a LOI and initiate final discussions. The other two preferred bidders are to be informed of this decision and their offers are to be put 'on hold' pending the signing of the final contract or works."*

Illi mill-istess dokumenti huwa kkonfermat li l-konsorzja JAM JV kienet tikkonsisti mill-kumpannija ta' Michael Attard, Mekanika u l-kumpannija ta' l-imputat Josef Dimech.

Mix-xhieda ta' George Borg jirrizulta li l-imputat Josef Dimech kien kelmu sabiex ihassar mas-*sub contractors* tieghu u jinghaqad jahdem mal-

[67] Folio 41-153 ta' l-atti processwali
[68]Dok IJA 10, Folio 46 ta' l-atti processwali

kumpannija tieghu. Ir-raguni ghalfejn talbu dan kien minhabba li l-konsorzju ta' George Borg kien l-ewwel u l-imputat Dimech ma xtaqx li jitlef l-opportunita' li jinghata l-kuntratt. Kien lest li jhassar minn ma' Michael Attard li kien sieheb mieghu fil-konsorzju taghhom u jinghaqad ma' Geroge Borg jekk jirnexxilu ihassar mas-*subcontractors* tieghu.

Meta kien mistoqsi ghal liema raguni gie javvicinah u ghalfejn qallu dan id-diskors, ix-xhud qal:

> *"ghax hu dik il-gurnata ried jithassar minn ma' ghax il-bqija ma setax jidhol mieghi, ma Attard biex imbaghad jidhol mieghi bhala Sub contractor.*
>
> *….*
>
> *Sur Abdilla: Jigifieri inti x'fhimt meta qallek dan il-kliem?*
>
> *Xhud: Jiena ma fhimt xejn, jiena ma stajt nifhem xejn ghax jiena in-nies li kelli, s-sub contractors tieghi mill-ewwel gurnata li dhalt hemm jekk konna sitt xhur qabel li bdejna t-tender dawn in-nies kienu isimhom u kunjonhom min huma jekk ma rieduhomx seta' qaluli dak in-nhar, dawn ma ghandniex pjacir bihom mhux thallilhom jonfqu l-flus ghax dana biex timla t-tender trid tonfoq il-flus imbaghad tigi tghid dawn itfahhom 'il-barra."*[69]

Ix-xhud jikkonferma li hu qatt ma kien jaf xejn dwar l-offerti tal-konsorzja l-ohra u ghalhekk hass li kien hemm xi haga suspettuza u mhux sewwa meta l-imputat Dimech iltaqa' mieghu u seta' jghidlu l-prezzijiet ezatti tal-konsorzja l-ohra, inkluz tieghu stess, li naturalment kien zamma privata sa l-ahhar.

---

[69] Folio 195 u 196 ta' l-atti processwali

Ix-xhud jghid li kliem l-imputat Dimech kien f'dan is-sens:

*"…Qalli jien u int nirrangaw u veru nirrangaw ghax jiena u hu ghamilna xoghol flimkien u qatt ma kellna xi nghidu".*[70]

*"Imma qalli affarijiet izjed ukoll imma qalli li jekk inti tidhol b'dawn in-nies mhux ha tohodha u ha jehodha l-Elbros."*[71]

*"…zgur li Dimech qalli l-prezzijiet."*[72]

Illi certu aspetti minn din l-informazzjoni, partikolarment li tal-Pender Gardens ma kienux kuntenti bis-*subcontractors* giet ikkonfermata mix-xhud Peter Diacono u Edward Licari.

*"Spettur Abdilla: ….waqt il-meetings li kien hemm qatt tajtu indikazzjonijiet dwar xi supplier li ma kontux kuntenti bihom?*

*Xhud: Iva…………*

*……… ghax konna inkunu diplomatici li l-ewwel haga kellu lil xi had fit-team tieghu li ahna ma tantx konna kuntenti bih ha nghid hekk, ok konna ghidnielu ukoll li fuq is-sub contractors li kellu ma tantx konna ukoll konvinti*

*……….is-sub contractors li kellu konnna nafu li kienu sub contractors li kellhom certu portata imma hdejn l-ohrajn li kellna u bl-esperjenzi li kellhom ahna hsibna il ma kienux daqs hekk b'sahhithom bhal l-ohrajn."*[73]

---

[70] Folio 200 ta' l-atti processwali
[71] Folio 225 ta' l-atti processwali
[72] Folio 234 ta' l-atti processwali
[73] Folio 263 u 264 ta' l-atti processwali

L-istess xhud Diacono jikkonferma li *"….jekk niftakar sew konna ghidnielu li isma ahna s-sub contractors tieghek mhux qed jghinuk imma ma nahsibx li ghidnielu biex ibiddilhom"*[74]

Ix-xhud Licari min-naha tieghu jistqarr:

> *"Dr. Desira: meta l-ewwel li sirtu tafu min kienu s-subcontractors li kien ser jahdem bihom JP Borg mill-bidu nett?*
>
> *Xhud: Mill-bidu nett qalilna hu u urejnieh li ma tantx hadna gost bihom."*[75]

Meta sar il-process ta' evalwazzjoni il-*preferred bidder* fil-bidu kien il-konsorzju JAM li fih kien involut l-imputat Dimech, it-tieni kienet il-konsorzju ta' l-Elbros u t-tielet kienet tax-xhud George Borg, ghalkemm il-konsorzju li fih kien involut l-imputat, JAM, kienet l-iktar gholja.

Bhala konkluzzjoni, skond ix-xhieda mressqa, id-decizjoni finali dwar l-ghoti tat-tender kienet is-segwenti:

> *"Imma ahna bhala kumitat ovvjament niddiskutu bejnietna u nahseb li kienet unanimous position li l-preferred bidder kien JAM u jekk ma naslux ma' JAM konna lesti li naghlqu ma' l-Elbros, saqsejtni wkoll ghaliex nahseb JAM kellu vantagg ukoll apparti li kellu team tajjeb u joint venture b'sahhtu li ahna bhala Pender konna diga' hdimna kemm ma' Michael Attard, kemm ma' Mechanica u kemm ma' JS Dimech f'phase 1 fejn konna nafu dawn xi jsarrfu, kif jiddiliverjaw ix-xoghol, meta jkun hemm problem x'ini r-reaction taghhom fuq ix-xoghol ecc."*[76]

---

[74] Folio 264 ta' l-atti processwali
[75] Folio 351 ta' l-atti processwali
[76] Folio 266 ta' l-atti processwali

*"Bhala kumitat kellna f'mohhna target li kieku ma wasalniex ma' JAM konna lesti li naghtuha lil Elbros."*[77]

Ix-xhud Peter Diacono jispjega wkoll li filwaqt li qatt ma kienu jaghtu cifri diretti dwar il-kompetituri kienu jindikaw lill-*bidders* fejn kellhom offerti gholjin.

*"Dr. Giglio: U ara jekk hux qed nghid sew li you started to push lil JAM billi addirittura tghidulhom isma' ha nirreferik ghal laqgha partikolari taf li bejnek u bejn it-tielet bidder hemm zewg miljun u nofs differenza possibbli ma nistghux naslu, possibbli ma tistghux tnaqqsu izjed minn hekk? Ara tiftakarx lifl-ahhar meta riedtu vera tghalqu bdew isiru dawn it-tip ta' indikazzjonijiet?*

*Xhud: Iva….*

*…. fl-ahhar mill-ahhar bdejna qisna nehlu fuq ic-civil works u ahna hsibna li jekk mhux ser naslu fuq ic-civil works konna ha naghlqu ma' Elbros u din ghamilniha cara lil Michael Attard ghidnielu int Mike trid tnaqqas ghal l-affarijiet l-ohra kienu*[78]

Fl-istess nifs, ix-xhud Diacono jikkonferma li lis-Sur Borg qatt ma indikawlu li kien il-*preferred bidder*.[79]

Illi dawn il-fatti gew ikkonfermati mix-xhud Edmund Gatt Baldacchino li kien ic-*Chairman* ta' Pender Group.[80]

Min-naha tat-tmexxija ta' Pender Group jidher li l-konsorzju tas-Sur George Borg kien fit-tielet post u dan minhabba li kien hemm thassib

[77] Folio 276 ta' l-atti processwali
[78] Folio 276 u 277 ta' l-atti processwali
[79] Folio 281 ta' l-atti processwali
[80] Folio 293, 297, 298 ta' l-atti processwali

dwar is-*sub contractors* kif ukoll minhabba kif kien legalment kompost l-istess konsorzju, b'tali mod li kien hemm biss responsabbilita' individwali fuq is-Sur Borg u mhux wahda solidali bejn il-membri kollha:

> *"ghaliex bir-rispett kollu lejh George Borg u Alla hares qatt jiena dejjem kont nahseb f'mohhi jekk Alla hares qatt mettiamo kaz li jiehu t-tender u jigi Alla hares qatt, ilsieni jinxef, jigi biex ikun nieqes, ma hemmx min jiehu over warajh."*[81]

Kien irrizulta wkoll li ma kienx impossibli sabiex in-nies involuti jaslu ghac-cifri minghajr ma kienu intalqulhom il-fuguri:

> *"… kull tenderer huwa kapaci Sur Magistrat li jahdem b'tali mod bil-figuri li kienu… intaqghu maghna u meta jaghmlu l-figuri, dawn ikunu experts fuq it-tenders allura jistghu jaghmlu one plus one."*[82]

Il-konsorzju ta' l-imputat Dimech kien ukoll jivolvu l-kumpanija Mekanika. Fix-xhieda tas-Sur Michele Francica jinghad li:

> *"l-andament kien andament normali fil-fehma tieghi bhal kull tender jew kull progett li inti titfa' l-offerta, il-kontenut ta' dawk il-laqghat kienu sia kummercjali u teknici li huwa normali f'kaz ta' kull tender, l-andament jekk ahna konniex nafu bhala kuntratturi iva kellna indikazzjonijiet li ahna konna gholjin.*
>
> …….
>
> *Spettur Abdilla: Imma kien hemm xi area partikolari fejn kontu gholjin?*

[81] Folio 359 ta' l-atti processwali
[82] Folio 370 ta' l-atti processwali

*Xhud: Kien hemm areas partikolari iva."*[83]

Fix-xhieda tas-Sur Francica jinghad ukoll kif hu kien jaf bis-suggeriment ta' Dimech li jinhallu minn ma' Attard sabiex ikun hemm cans li t-*tender* jintrebah u minflok imur ghand Borg.

Il-prosekuzzjoni tistrieh interament fuq ix-xhieda ta' dan ix-xhud. Minn dak li jispejga x-xhud jidher li huwa vera li gie avvicinat mill-imputati sabiex jiddiskutu il-progett u *t-tender* ta' Pender Gardens.

Fir-rigward ta' l-imputat Pierre Mercieca, ix-xhud jghid li Mercieca avvicinah u qallu li hu *"Direttur tal-Pender"*[84]

*"Ghidlu inti min int habib?, qalli jien direttur il-Pender".*[85]

Ix-xhud Peter Diacono li kien is-CEO ta' Pender Gardens stqarr li l-imputat Mercieca qatt ma rah f'hajtu u ma kellu x'jaqsam xejn mal-progett:

*"Spettur Abdilla: Il-persuna l-ohra tafha?*

*Xhud: No qatt ma rajtu f'hajti*

*Spettur Abdilla: Ma ghandux x'jaqsam ma' Pender?*

*Xhud: No*

*Qorti: Huwa xi direttur ta' Pender?*

*Xhud: No qatt ma rajtu*

*Qorti: Parti mill-kumitat ta' Pender?*

---

83 Folio 443 u 444 ta' l-atti processwali
84 Folio 203 ta' l-atti processwali
85 Folio 205 ta' l-atti processwali

*Xhud: Le"*[86]

Il-Kap Ezekuttiv ta' Pender Gardens, Peter Diacono, jikkonferma li bhala kumitat qatt ma gew avvicinati minn barra bil-ghan li jinfluwenzaw fuq id-decizjonijiet taghhom fir-rigward ta' l-ghazla fl-ghoti tal-kuntratt[87].

Ix-xhud jispjega wkoll li kienu anke ghamlu investigazzjoni taghhom separata biex jikkonfermaw jekk kienx hemm xi *leakages* ta' informazzjoni lill-*bidders* u rrizultat kien fin-negattiv.[88]

Ix-xhud Edmund Gatt Baldacchino jikkorobora l-istess fatti:

*"Spettur Abdilla: Lis-Sinjur l-iehor tafu?*

*Xhud: Le qatt ma nafu, qatt ma rajtu u qatt ma iltqajt mieghu.*

*Spettur Abdilla: Qatt kellu x'jaqsam ma' l-Pender?*

*Xhud: Le qatt ma kellu x'jaqsam.*

*Qorti: Qatt kien xi direttur ta' Pender jew fil-kumitat?*

*Xhud: Le qatt.*

*Qorti: Tafu x'imkien iehor imma inti?*

*Xhud: Qatt ma nafu."*[89]

Is-Sur Gatt Baldacchino ikompli jghid li *"Qatt ma tajna l-figuri globali tat-tenders lil any bidder. Li tajna indikazzjonijiet of the individual items.*[90]

Rigward Mercieca, ix-xhud Edward Licari wkoll jikkonferma li ma jafux:

---

[86] Folio 269 u 270 ta' l-atti processwali
[87] Folio 283 ta' l-atti processwali
[88] Folio 286 ta' l-atti processwali
[89] Folio 305 ta' l-atti processwali
[90] Folio 311 ta' l-atti processwali

*"Ma Nafhiex, qatt, illum qed naraha l-ewwel darba……. Le ma tahdimx ma' Pender."*[91]

Illi mill-kumplament tax-xhieda li ressqet l-prosekuzzjoni hadd minnhom ma kien qatt ra jew jaf lill-imputat Mercieca. Oltre dan, hadd minnhom qatt ma kien gie avvicinat minnu dwar il-progett ta' Pender Gardens.

Mericeca qal lix-xhud Borg l-istess cifri li kien qallu Dimech filghodu u fl-istess hin tah struzzjonijiet ta' kif kellu jmexxi biex jiehu l-progett. Fost dawn l-istruzzjonijiet kien hemm li jgholli l-offerta b'erba mitt elf, jaghti sittin il-elf lis-*sub contractors* tieghu u jhassar il-ftehim ta' maghhom u jibdilhom b'dawk ta' l-imputat Dimech u Mekanika li kienu fil-konsorzju ma' Michael Attard.

Kien wara din il-laqgha li x-xhud informa z-zewg persuni principali li mexxew it-*tender* sabiex jara jekk kienx hemm xi forma ta' *foul play* in vista tal-fatt li kien ilu f'diskuzzjonijiet ma' tal-Pender Gardens u l-indikazzjoni, skond hu, kienet li kien minn ta' quddiem.

Jirrizulta, pero', li l-konsorzju JAM kien il-*preferred bidder* tul il-process kollu u mhux biss wara t-telefonati u laqghat li kienu saru nhar id-29 ta' Mejju 2014.[92]

Minn dak kollu li tressaq quddiem il-Qorti ma tressqet ebda prova dwar l-allegata relazzjoni trifurkata mehtiega sabiex jirrizulta r-reat in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li kien jehtieg li jigi indikat min kienet il-persuna jew min kienu l-persuni intizi biex jigu influenzati u

---

[91] Folio 343 ta' l-atti processwali
[92] Folio 289 u 334 ta' l-atti processwali

min kien ser iwitti it-triq f'dan ir-rigward. Fin-nuqqas, ir-reat ma jibqax dak kontemplat taht l-artikolu 121A tal-Kodici Kriminali, izda jibda joqrob aktar vicin ghal dak taht l-artikolu 115 dwar il-korruzzjoni, li kif gja' inghad, huwa reat separat u individwali fil-Kodici Kriminali.

Filwaqt li x-xhud George Borg kellu ragun li jinkwieta u jkun imhasseb dwar dak li ntqal lilu, specjalment fid-dawl li l-informazzjoni kellha tkun strettament kunfidenzjali, din il-Qorti tqis li l-elementi necessarji tar-reat li bihom gew mixlija l-imputati ma jirrizultawx u huwa car li l-fatti kif allegati mill-prosekuzzjoni ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat li qed jigi addebitat lill-imputati.

L-imputat Dimech kien f'sitwazzjoni fejn kien qed jittanta u jipprova jinhall minn ma' ftehim ma' Attard sabiex jinghaqad ma' Borg. Minn imkien ma rrizulta jekk kienx hemm kuntatt ma' xi persuna li kienet kapaci tezercita influenza fuq xi persuna responsabbli mis-sejha ghall-offerti, sabiex jintlahaq l-allegat ghan ta' l-imputat.

Madankollu din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni kellha ggib prova, sal-grad mehtieg f'dawn il-proceduri, li kienet tezisti dik li tissejjah relazzjoni *tripartite* sabiex jigi stabbilit l-*actus reus*. Il-prosekuzzjoni, ghall-finijiet ta' sejbien ta' htija taht l-artikolu 121A kellha tistabbilixxi b'mod car min kienet it-terza persuna reali li setghet twassal sabiex jissussisti dan ir-reat. Ghalkemm in-numru volimunuz ta' telefonati bejn l-imputati dakinnhar ta' l-inkontru iqajjem dan is-suspett, minn imkien ma jirrizulta minghajr dubju dettat mir-raguni li kienu qed jahdmu flimkien bl-istess skop li jikkonvincu lil Borg ibiddel aspetti mill-offerta tieghu. Minn imkien ma rrizulta wkoll li l-imputat Merceica

kien verament Direttur tal-Pender Gardens jew imqar ingaggjat mill-amministrazzjoni tal-Pender Gardens – għall-kuntrarju, jirrizulta proprju l-oppost. Inoltre, lanqas ma jirrizulta fil-konfront ta' Mercieca li huwa kien qed jipprova jgħin lil Dimech b'mod li rrenda lilu nnifsu komplici ta' Dimech. Fi kliem ieħor, il-prosekuzzjoni kellha tressaq provi tal-*common design* ta' bejn l-imputati sabiex iwettqu r-reat flimkien liema prova, f'dan il-kaz, din il-Qorti tikkunsidraha bħala nieqsa.

Dak li jidher li gara huwa li l-imputati ppruvaw jikkonvincu lil George Borg sabiex iħassar il-ftehim mas-*sub contractors* tiegħu billi wrewh li kellhom f'idejhom informazzjoni interna u kunfidenzjali, bl-intiza li jippersważduh, u possibilment ibeżżgħuh, u b'hekk jikkonsidra jibdel il-fehma tiegħu sabiex jiggarantixxi r-rebħ tat-tender.

Izda minn imkien ma rrizulta li l-mod kif kienu ser jippersważduh kienet billi jeżercitaw xi tip ta' influenza fuq il-Bord li kellu jiddeċiedi. Lanqas ma rrizultaw provi dwar kif kienu ser jigarantixxu dan ir-rebħ, ma' min setgħu jeżercitaw din l-influenza kemm direttament jew indirerttament jew xi pressjoni li setgħu eżercitaw.

Fil-kaz ta' Dimech jidher li kien immexxi mill-fatt li ma riedx jitlef l-opportunita li b'xi mod ikun involut fil-konsorzju rebbieħ u ried isalva l-pożizzjoni tiegħu. Fil-kaz ta' Mercieca, jidher li huwa vvinta li huwa involut direttament ma' tal-Pender Gardens bħala Direttur. Dak li allegatament stqarr Mercieca qatt ma seta' ssir u qatt ma seta' jwassal sabiex jeżercita influwenza relevanti, diretta jew indiretta fuq il-Bord ta' Pender Gardens li lanqas biss kienu jafu bl-eżistenza tiegħu jew kellhom ebda tip ta' relazzjoni miegħu sew diretta jew indiretta.

Jirrizulta biss li b'xi mod, ic-cifri ta' l-offerti ta' l-konsorzja kollha gew zvelati lill-imputati b'tali mod li meta semmewhom lil Borg, seta' jidentifika liema cifra kienet tieghu, minkejja li din kellha tibqa' strettament kunfidenzjali.

Fir-rigward tal-element formali tar-reat, ma jirrizultax li l-hsieb tal-imputati kien wiehed li jezercitaw xi tip ta' influenza effettiva fuq dawk il-persuni li setghu jidetterminaw ir-rizultat finali tal-process ta' l-ghoti tat-*tender.*

Ghalhekk, il-Qorti wara li ezaminat l-atti processwali fid-dettal tqis li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati ma gewx ppruvati sal-grad rikjest mill-ligi u ser tghaddi sabiex tilliberahom minn kull htija.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara l-artikoli 23, 42, 121A(1)(2)(3) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil imputati Josef Dimech u Pierre Mercieca, it-tnejn, **mhux hatja** ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom u tilliberhom minn kull htija u piena.

**Deciza illum nhar is-16 ta' Gunju 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja Valletta, Malta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorriane Spiteri**

**Deputat Registratur**